2026/1932

11.8.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1932

tal-10 ta' Awwissu 2026

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 fir-rigward tal-użin ta' prodotti tas-sajd, il-kontroll u l-ispezzjoni tagħhom, u l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' kampjunar, pjanijiet ta' kontroll u programmi ta' kontroll komuni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 60(10), l-Artikolu 60a(1), il-punti (a), (b), (d), (f) u (g), u l-Artikolu 93a(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jistabbilixxi sistema ta' kontroll tal-Unjoni għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd ("PKS"), inklużi regoli dwar l-użin ta' prodotti tas-sajd u dwar programmi ta' kontroll nazzjonali għall-ispezzjoni u l-kontroll tar-regoli tal-PKS, li għalihom dan ir-Regolament jipprovdi regoli dettaljati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni.

(2) Bil-għan li tiġi żgurata applikazzjoni koerenti ta' dawn ir-regoli dettaljati, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti definizzjonijiet.

(3) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-komparabbiltà tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-kuntest tar-rekords tal-użin, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għas-sottomissjoni tal-informazzjoni, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni partikolari ta' ċerti bastimenti u operaturi, bħal bastimenti tal-qbid li jkunu għadhom ma humiex soġġetti għal rekwiżiti obbligatorji ta' ġurnal ta' abbord elettroniku u kaptani li jaġixxu bħala operaturi tal-użin awtorizzati, li għalihom huwa ġġustifikat mudell ta' reġistrazzjoni simplifikat.

(4) L-Artikolu 60(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jirrikjedi li l-prodotti tas-sajd jintiżnu fuq sistemi tal-użin approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli u rekwiżiti tekniċi minimi fuq tali sistemi, inkluż fil-każ ta' ħsara teknika jew fil-każ ta' nuqqas ta' funzjonament.

(5) Sabiex jiġi żgurat kontroll effettiv tar-regoli u tar-rekwiżiti relatati mar-rekords tal-użin u mas-sistemi tal-użin, kemm jekk fuq l-art kif ukoll abbord, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar l-aċċess mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għal tali rekords u sistemi.

(6) Sabiex jiġu indirizzati l-effetti tat-tneħħija tal-ilma u tat-tneħħija tas-silġ fuq id-determinazzjoni tal-piż ta' ċerti prodotti tas-sajd, b'mod partikolari fejn tali proċessi huma meħtieġa biex jiġi evitat it-taħsir jew għall-preservazzjoni tal-prodott, u mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti differenti stabbiliti skont ir-regoli tal-PKS, inklużi miżuri approvati mill-Unjoni u minn Stati kostali oħrajn tal-Atlantiku tal-Grigal, huwa xieraq li jiġu introdotti regoli dettaljati dwar it-tnaqqis tal-ilma u tas-silġ. Jenħtieġ li dawk ir-regoli jibnu fuq tnaqqis ta' 2 % stabbilit fl-Artikolu 74 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 [2], għal perjodu limitat, filwaqt li jippermettu lill-Istati Membri grad ta' flessibbiltà, kemm matul kif ukoll wara dak il-perjodu, biex japplikaw perċentwal differenti f'każijiet debitament ġustifikati, fejn meħtieġ, proporzjonat u xieraq, bħal fid-dawl tal-aħjar

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/404/oj).

teknoloġija u prattiki disponibbli, u f'konformità mal-objettivi tal-PKS, inkluż l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-kundizzjonijiet għall-użu ta' kwalunkwe perċentwal ta' tnaqqis differenti abbażi tal-informazzjoni rilevanti sottomessa mill-Istati Membri kkonċernati u, fejn meħtieġ, bl-appoġġ tekniku ta' esperti indipendenti jew korpi xjentifiċi rikonoxxuti fil-livell tal-Unjoni jew internazzjonali, inkluż il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd. Sabiex tippromwovi l-applikazzjoni armonizzata tat-tnaqqis fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma lill-Istati Membri bi kwalunkwe notifika dwar tali tnaqqis u, fuq talba, tkun tista' tikkoordina diskussjonijiet tekniċi dwar tali proposti ta' tnaqqis, inkluż permezz ta' gruppi ta' ħidma ddedikati, kif ukoll permezz tal-grupp ta' esperti dwar il-konformità msemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(7) Il-pjanijiet ta' kampjunar għall-prodotti tas-sajd li jintiżnu abbord, għall-ħatt l-art ta' prodotti tas-sajd magħżula u mhux magħżula, u għall-ħatt l-art ta' prodotti tas-sajd iffriżati jenħtieġ li jiġu adottati skont l-Artikolu 60(10) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 sabiex tiġi pprovduta l-possibbiltà għall-Istati Membri li fihom jinħattu l-art il-prodotti tas-sajd biex jippermettu lill-operaturi tal-użin awtorizzati jidderogaw mill-obbligu ġenerali li jiżnu l-prodotti tas-sajd kollha għal kull speċi immedjatament wara l-ħatt l-art, f'konformità mal-pjan ta' kampjunar adottat. Dan jinkludi kundizzjonijiet minimi dwar il-proċeduri u l-miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd, li l-Istati Membri u l-operaturi jenħtieġ li japplikaw biex jiżguraw l-akkuratezza tal-użin u l-kompożizzjoni tal-qabda.

(8) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' kontroll u l-programmi ta' kontroll komuni għall-prodotti tas-sajd ittrasportati qabel l-użin fit-territorju tal-Istat Membru tal-ħatt l-art jew ta' Stat Membru ieħor jiġu adottati skont l-Artikolu 60(10) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 sabiex tiġi pprovduta l-possibbiltà għall-Istati Membri li fihom jinħattu l-art il-prodotti tas-sajd li jippermettu lill-operaturi tal-użin awtorizzati jidderogaw mill-obbligu ġenerali li jiżnu l-prodotti tas-sajd kollha għal kull speċi immedjatament wara l-ħatt l-art, f'konformità mal-pjanijiet ta' kontroll jew il-programmi ta' kontroll komuni adottati. Dan jinkludi kundizzjonijiet minimi dwar il-proċeduri, il-faċilitajiet tal-użin, u miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd, li l-Istati Membri u l-operaturi jenħtieġ li japplikaw biex jiggarantixxu l-akkuratezza tal-użin u l-kompożizzjoni tal-qabda.

(9) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni effettiva u armonizzata tar-regoli u tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' kampjunar, il-pjanijiet ta' kontroll u l-programmi ta' kontroll komuni rilevanti adottati skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri dettaljati għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni sabiex il-prodotti tas-sajd ikunu jistgħu jintiżnu mal-ħatt l-art, abbord, jew wara t-trasport f'konformità ma' tali pjanijiet u programmi. Jenħtieġ li dawn il-proċeduri jippermettu wkoll lill-Istati Membri jipproponu kundizzjonijiet alternattivi għal dawk stabbiliti fil-pjanijiet u fil-programmi adottati, limitati għal elementi speċifiċi li għalihom tali alternattivi jistgħu jkunu ġustifikati.

(10) Fid-dawl tar-riskji konnessi mal-użu ta' derogi tal-użin u l-impatt li n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-użin jista' jkollu fuq l-akkuratezza tad-*data* dwar il-qbid li fuqha hija bbażata s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar il-programmi ta' kontroll nazzjonali u l-parametri referenzjarji, f'konformità mal-Artikolu 93a(2), għall-kontroll u l-ispezzjoni tar-regoli tal-użin stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u f'dan ir-Regolament.

(11) Sabiex jiġi żgurat kampjunar konsistenti fl-Istati Membri kollha, huwa importanti li jiġu stabbiliti matriċi għall-użin tal-prodotti tas-sajd kemm abbord kif ukoll mal-ħatt l-art. Jenħtieġ li dawn il-matriċijiet ikunu bbażati, fejn possibbli, fuq dawk identifikati fl-istudju mwettaq mill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), kif ukoll fuq metodoloġiji żviluppati mill-Istati Membri, f'koordinazzjoni mal-EFCA, abbażi ta' *data* vverifikata u abbażi tal-aħjar informazzjoni xjentifika disponibbli.

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj).

(12) Ir-regoli previsti minn dan ir-Regolament huma marbuta b'mod sostantiv u ħafna minnhom huma maħsuba biex jiġu applikati flimkien. Fl-interessi tas-sempliċità, kif ukoll biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tagħhom u biex tiġi evitata multiplikazzjoni tar-regoli, għalhekk, jenħtieġ li dawn jiġu stabbiliti f'att wieħed minflok f'numru ta' atti separati b'ħafna referenzi inkroċjati u bir-riskju ta' duplikazzjoni.

(13) Id-*data* personali miġbura u pproċessata għall-finijiet ta' kontroll skont dan ir-Regolament għandha tikkonforma mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* stabbiliti fl-Artikolu 112 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(14) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Lulju 2026.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għall-użin ta' prodotti tas-sajd, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) ir-rekords tal-użin;

(b) is-sistemi tal-użin;

(c) it-tnaqqis tas-silġ u tal-ilma;

(d) l-aċċess mill-awtoritajiet kompetenti għar-rekords tal-użin u għas-sistemi tal-użin;

(e) il-programmi ta' kontroll nazzjonali u l-parametri referenzjarji għall-kontroll u għall-ispezzjonijiet.

2. Barra minn hekk, huwa:

(a) jadotta l-pjanijiet ta' kampjunar, il-pjanijiet ta' kontroll u l-programmi ta' kontroll komuni msemmija fl-Artikolu 60(10) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009; u

(b) jistabbilixxi l-proċedura għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni biex tippermetti l-użin mal-ħatt l-art, abbord jew wara t-trasport, f'konformità ma' dawk il-pjanijiet u l-programmi, kif imsemmi fl-Artikolu 60(3)(a) sa (d) ta' dak ir-Regolament.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "operatur tal-użin awtorizzat" tfisser operatur responsabbli għall-użin ta' prodotti tas-sajd, kif imsemmi fl-Artikolu 60(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(b) "kaxxi standardizzati" tfisser żewġ reċipjenti jew aktar ta' tip, kapaċità, daqs, u, fejn użat, imballaġġ uniformi, li jkun fihom prodotti tas-sajd ta' speċi waħda, bl-istess preżentazzjoni, u li joriġinaw mill-istess żona ġeografika rilevanti;

(c) "kontenituri standardizzati" tfisser żewġ unitajiet jew aktar ta' tip, kapaċità u daqs uniformi, li jkun fihom prodotti tas-sajd mhux magħżula, bl-istess preżentazzjoni, u li joriġinaw mill-istess żona ġeografika rilevanti;

(d) "pallets standardizzati" tfisser żewġ pallets jew aktar ta' tip u ta' daqs uniformi, mgħobbija b'numru predefinit u uniformi ta' kaxxi standardizzati b'imballaġġ identiku;

(e) "imballaġġ" tfisser oġġett użat għall-konteniment, il-protezzjoni, l-immaniġġar, il-kunsinna jew il-preżentazzjoni ta' kaxxi standardizzati, li jista' jkun differenzjat skont il-format tal-imballaġġ abbażi tal-funzjoni, il-materjal u d-disinn tiegħu, inkluż kartun, plastik u materjal għaċ-ċineg tal-ippakkjar;

(f) "unità tat-trasport" tfisser kwalunkwe vettura, li tista' ġġorr tankijiet, kaxxi jew kontenituri, użati għat-trasport ta' prodotti tas-sajd;

(g) "faċilità tal-użin" tfisser faċilità mgħammra għall-użin, inkluż l-użin tal-kampjuni, ta' prodotti tas-sajd;

(h) "preżentazzjoni" tfisser il-forma li fiha jiġi pproċessat il-ħut waqt li jkun abbord il-bastiment tas-sajd u qabel il-ħatt l-art, kif deskritt fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2196 ([5]);

(i) "Stat Membru tal-ħatt l-art" tfisser l-Istat Membru kostali fejn jinħattu l-art il-prodotti tas-sajd, inkluż fejn jinħattu f'unità tat-trasport;

(j) "Stat Membru tal-użin" tfisser l-Istat Membru fejn jintużnu l-prodotti tas-sajd.

TITOLU II

REGOLI DETTALJATI DWAR L-UŻIN

KAPITOLU I

Rekwiżiti u miżuri tal-użin

Artikolu 3

Rekords tal-użin

1. Ir-rekords tal-użin imsemmija fl-Artikolu 60(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu jkun fihom mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem jew numru ta' identifikazzjoni tal-operatur tal-użin awtorizzat;

(b) is-sistema użata għall-użin tal-prodotti tas-sajd, inkluż kwalunkwe mudell u numru tas-serje jew tal-identità, fejn disponibbli;

(c) l-isem tal-bastiment tas-sajd li minnu toriġina l-kwantità miżuna, fejn disponibbli;

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2196 tas-17 ta' Ottubru 2025 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 fir-rigward tal-aċċess għall-ilmijiet u għar-riżorsi, tal-kontroll tas-sajd, tas-sorveljanza, tal-ispezzjoni u l-infurzar, tat-tnaqqis tal-kwoti u tal-isforzi tas-sajd, tad-*data* u l-informazzjoni, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 (ĠU L, 2025/2196, 12.11.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2196/oj).

(d) in-numru tar-reġistru komuni tal-flotta (“CFR”) jew, jekk mhux applikabbli, in-numru tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (“OMI”) jew identifikatur uniku ieħor tal-bastiment tas-sajd li minnu toriġina l-kwantità miżuna ta’ prodotti tas-sajd;

(e) in-numru ta’ identifikazzjoni uniku tal-vjaġġ tas-sajd tal-bastiment tal-qbid li minnu toriġina l-kwantità miżuna ta’ prodotti tas-sajd u, fil-każ ta’ bastimenti tas-sajd li ma humiex bastimenti tal-qbid, in-numru/i ta’ identifikazzjoni uniku/uniċi tal-vjaġġ tas-sajd relatat(i) mal-qabdiet;

(f) id-data u l-ħin tat-tlestija tal-użin jew, fil-każ li l-użin jieħu aktar minn 24 siegħa, id-data u l-ħin tal-bidu u tat-tlestija tal-użin;

(g) il-post, bħall-port, is-sit jew il-faċilità tal-ħatt l-art, fejn jintiżnu l-prodotti tas-sajd, bl-ogħla livell ta’ dettall disponibbli;

(h) il-kodiċi alfa-3 tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) ta’ kull speċi li tintiżen;

(i) il-kwantitajiet ta’ kull speċi f’kilogrammi ta’ prodott miżun f’konformità mal-Artikolu 60 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, jew, fejn xieraq, in-numru ta’ individwi, imqassma skont it-tip ta’ preżentazzjoni, u ż-żona ġeografika rilevanti, inkluż, bħala entrata separata, il-kwantitajiet taħt id-daqs minimu ta’ referenza għall-konservazzjoni applikabbli;

(j) il-kwantità mnaqqsa għall-ilma u għas-silġ f’konformità mal-Artikolu 6, fejn applikabbli;

(k) il-piż tat-tara ta’ kull kaxxa, kontenitur, pallet, jew unità tat-trasport użata għall-użin tal-prodotti tas-sajd, fejn applikabbli.

2. Minbarra l-informazzjoni minima elenkata fil-paragrafu 1, għall-operazzjonijiet tal-użin imwettqa f’konformità mal-Annessi minn II sa VI, ir-rekords tal-użin imsemmija fl-Artikolu 60(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu jkun fihom ukoll l-informazzjoni li ġejja, fejn applikabbli:

(a) in-numerazzjoni sekwenzjali tal-kampjuni kollha miżuna u l-ħin approssimattiv meta ttieħdu, f’konformità mal-Anness II(B)(i) u (iii) u mal-Anness III(B) u (C);

(b) il-kwantitajiet aggregati tal-prodotti tas-sajd mhux magħżula miżuna f’konformità mal-Anness II(B)(ii);

(c) il-piż ta’ kull kampjun miżun f’konformità mal-Anness II(B)(i) u (iii) u mal-Anness III(B) u (C) u, fejn disponibbli, il-kwantità ta’ kull speċi, għal kull preżentazzjoni, f’kull kampjun, kif ukoll il-piż nett totali tal-kampjun espress f’kilogrammi u grammi;

(d) il-piż nett medju tal-prodott tal-kaxxi standardizzati u l-pallets standardizzati kollha użati għall-finijiet tal-Anness II, l-Anness III u l-Anness IV, għal kull speċi u preżentazzjoni;

(e) il-piż nett medju tal-prodott tal-kontenituri standardizzati kollha użati għall-finijiet tal-Anness II;

(f) in-numru totali ta’ kaxxi u kontenituri, kemm jekk standardizzati kif ukoll jekk le, u pallets standardizzati li jinħattu l-art, għal kull speċi, preżentazzjoni u żona ġeografika rilevanti użati għall-finijiet tal-Anness II, l-Anness III u l-Anness IV;

(g) in-numru tar-reġistrazzjoni jew identifikatur uniku ieħor ta’ kwalunkwe faċilità tal-użin approvata u rreġistrata użata għall-finijiet tal-Anness V u l-Anness VI;

(h) iċ-ċifri tal-bidu u tat-tmiem irreġistrati mis-sistemi tal-użin taċ-ċineg trasportaturi jew mis-sistemi tal-użin tal-lottijiet użati għall-finijiet tal-Anness V u l-Anness VI; u

(i) indikazzjoni li l-prodotti tas-sajd intiżnu wara t-trasport skont l-Anness V u l-Anness VI.

3. Sal-10 ta’ Jannar 2028, il-paragrafu 1, il-punt (e) ma għandux japplika għal bastimenti tal-qbid li ma jkunux mgħammra b’ġurnal ta’ abbord tas-sajd elettroniku.

4. Sal-10 ta’ Jannar 2030, l-operaturi tal-użin awtorizzati għandhom jiżguraw li r-rekords tal-użin imfassla għall-finijiet tal-Annessi II sa VI jsiru disponibbli, b’mezzi elettroniċi f’intervalli speċifikati jew fuq talba, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-użin.

Artikolu 4

Rekords tal-użin simplifikati

Il-kaptan ta' bastiment tal-qbid li jħott l-art prodotti tas-sajd, meta jaġixxi bħala l-operatur tal-użin awtorizzat, jista' jimla rekord tal-użin simplifikat li fih l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 3(1), il-punti (a), (c), (d), (e) u (f) tiġi sostitwita bin-numru ta' identifikazzjoni uniku tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art imsemmija fl-Anness XV(10) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2196.

Artikolu 5

Sistemi tal-użin

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi kollha użati għall-użin ta' prodotti tas-sajd ikunu soġġetti għar-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness I u jkunu approvati, ikkalibrati u ssiġillati f'konformità mal-liġi nazzjonali.

2. Meta l-prodotti tas-sajd jintiżnu abbord bastiment tal-qbid, f'konformità mal-Anness IV, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istat Membru tal-bandiera għandhom jiżguraw li dawk is-sistemi tal-użin jiġu approvati, ikkalibrati u ssiġillati f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom.

3. Fil-każ ta' ħsara teknika jew fil-każ ta' nuqqas ta' funzjonament tas-sistema tal-użin li taffettwa l-akkuratezza tar-riżultati tal-użin, l-operaturi tal-użin awtorizzati għandhom:

(a) jużaw sistema tal-użin approvata alternattiva, jew iwaqqfu l-użin immedjatament, sakemm il-ħsara teknika jew in-nuqqas ta' funzjonament ikunu ġew irrimedjati; u

(b) fil-każ ta' sistemi tal-użin b'ċineg trasportaturi, miżien tat-tagħbija, jew sistemi ta' użin ta' lottijiet, jinnotifikaw il-ħsara teknika jew in-nuqqas ta' funzjonament fi żmien 24 siegħa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-użin u, fejn ikunu differenti, lill-awtoritajiet responsabbli għall-kontroll tas-sajd tal-Istat Membru li fih ikunu jinsabu l-faċilitajiet tal-użin.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-użin jistgħu jiddeterminaw il-post u l-konfigurazzjoni tas-sistemi u t-tagħmir tal-użin, inklużi dawk użati għall-kampjunar f'konformità mal-Annessi ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

It-tnaqqis tas-silġ u tal-ilma

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti skont ir-regoli tal-PKS, u sal-10 ta' Jannar 2030, l-operaturi tal-użin awtorizzati jistgħu japplikaw tnaqqis għall-ilma u għas-silġ sa 2 % tal-piż totali tal-prodotti tas-sajd pelaġiċi friski, ħlief għall-ħatt l-art maħsub għal skopijiet industrijali.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 u soġġetta għall-paragrafi minn 3 sa 9, il-Kummissjoni tista' tippermetti:

(a) perċentwal ta' tnaqqis differenti minn dak previst fil-paragrafu 1; u/jew

(b) l-applikazzjoni tat-tnaqqis għall-ilma u għas-silġ għal prodotti tas-sajd mhux pelaġiċi.

3. Kwalunkwe deroga għar-regola ta' tnaqqis ta' 2 % stabbilita skont il-paragrafu 2 għandha:

(a) tkun definita b'mod ċar fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-perċentwal tagħha;

(b) tkun akkumpanjata minn proċeduri speċifiċi għat-tneħħija tal-ilma u għat-tneħħija tas-silġ;

(c) tkun soġġetta għal miżuri ta' kontroll effettivi biex jiġi evitat ir-riskju ta' abbuż;

(d) tapplika biss għal prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem; u

(e) tkun iġġustifikata abbażi ta' analiżi statistika jew studju statistiku indipendenti u rappreżentattiv(a), inkluża l-aktar *data* reċenti disponibbli minn spezzjonijiet, kontrolli u studji xjentifiċi, li turi n-neċessità, il-proporzjonalità u l-adegwatezza ta' tali tnaqqis.

4. Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni proposta għal tnaqqis kif imsemmi fil-paragrafu 2. Il-proposta għandha tkun akkumpanjata mill-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi vvalutata l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3.

5. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn kollha dwar il-proposta msemmija fil-paragrafu 4. Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jitolbu li l-Kummissjoni tikkoordina diskussjonijiet tekniċi dwar dik il-proposta, inkluż, fejn xieraq, il-grupp ta' esperti dwar il-konformità msemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

6. Fi żmien 6 xhur minn meta tirċievi proposta kompluta, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 humiex issodisfati, inkluż, fejn xieraq, wara li tikkonsulta korpi xjentifiċi indipendenti li huma rikonoxxuti fil-livell tal-Unjoni jew internazzjonali.

7. Meta l-Kummissjoni tiddetermina li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 huma ssodisfati, hija għandha tippermetti t-tnaqqis u tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, inklużi s-sajd, l-istokkijiet, l-ispeċijiet, il-kategoriji ta' prodotti u ż-żoni ġeografiċi kkonċernati.

8. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bi kwalunkwe tnaqqis permess skont il-paragrafu 7 fuq is-sit web tagħha u tista' tirrieżamina perjodikament in-neċessità, il-proporzjonalità u l-adegwatezza ta' tali tnaqqis. Ma għandu jiġi permess l-ebda tnaqqis meta kwalunkwe waħda minn dawk il-kundizzjonijiet ma tibqax tiġi ssodisfata.

9. Meta l-Kummissjoni tqis li waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 ma humiex issodisfati, inkluż permezz ta' investigazzjonijiet, verifiki, spezzjonijiet awtonomi jew awditi mwettqa mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 96, 98, 99 u 100 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, jew li l-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 4 ma hijiex kompluta, hija ma għandhiex tippermetti it-tnaqqis u tinforma lill-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i) b'dan il-fatt mingħajr dewmien.

10. Mill-10 ta' Jannar 2030, ma għandu japplika l-ebda tnaqqis għall-ilma u għas-silġ, ħlief fejn ikun permess mill-Kummissjoni skont il-paragrafi minn 2 sa 7.

Artikolu 7

Aċċess mill-awtoritajiet kompetenti

1. Meta l-prodotti tas-sajd jintiżnu mal-ħatt l-art jew wara t-trasport, l-operaturi tal-użin awtorizzati għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-użin b'aċċess sħiħ għas-sistemi tal-użin u r-rekords tal-użin imsemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5.

2. Meta l-prodotti tas-sajd jintiżnu abbord, f'konformità mal-Anness IV, l-operaturi tal-użin awtorizzati għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jew lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-ħatt l-art, b'aċċess sħiħ għas-sistemi tal-użin u r-rekords tal-użin imsemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5.

Artikolu 8

Il-programmi ta' kontroll nazzjonali u l-parametri referenzjarji għall-kontroll u l-ispezzjoni tal-użin

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi ta' kontroll nazzjonali tagħhom stabbiliti skont l-Artikolu 93a tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jinkludu miżuri ddedikati għall-kontroll u għall-ispezzjoni tar-regoli stabbiliti f'dan il-Kapitolu u fl-Annessi minn I sa VI ta' dan ir-Regolament.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom mill-inqas jipprevedu spezzjonijiet mhux imħabbra li jkopru mhux inqas minn 5 % tal-kwantitajiet kollha li jinħattu l-art u 3 % tal-ħatt l-art kollu, fl-Istat Membru li jagħmel l-ispezzjoni, għal kull sena kalendarja, filwaqt li titqies kwalunkwe miżura ta' kontroll u spezzjoni għall-użin stabbilita fi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 95 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

3. Il-miri tal-ispezzjonijiet mhux imħabbra msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu identifikati abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, filwaqt li jitqiesu mill-inqas il-fatturi li ġejjin, fejn applikabbli:

(a) l-għadd u l-volum għoli ta' ħatt l-art ta' prodotti tas-sajd, kemm jekk jintiżnu abbord, mal-ħatt l-art, jew wara t-trasport;

(b) l-għadd ta' ksur mill-kaptani, mill-operaturi tal-użin awtorizzati, u mit-trasportaturi;

(c) l-għadd baxx u t-tip ta' kontrolli tat-trasport imwettqa fl-Istati Membri tal-ħatt l-art, tat-tranżitu u tad-destinazzjoni;

(d) id-disponibbiltà tal-kwota għall-bastimenti tas-sajd li jagħmlu l-ħatt l-art li jintiżnu abbord, mal-ħatt l-art jew wara t-trasport;

(e) in-nuqqas ta' użu ta' kaxxi jew kontenituri standardizzati mill-bastimenti li minnhom joriġinaw il-prodotti tas-sajd;

(f) il-varjazzjoni fil-livelli tal-prezzijiet tas-suq għall-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art;

(g) it-tagħbija jew il-ħatt f'diversi postijiet ta' ġbir jew kunsinna għall-prodotti tas-sajd li jintiżnu wara t-trasport skont l-Artikolu 60(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(h) in-nuqqas ta' użu ta' siġilli jew mezzi oħrajn biex jiġi evitat ir-riskju ta' manipulazzjoni tal-merkanzija;

(i) ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni għall-użu tat-tnaqqis applikabbli tal-ilma u tas-silġ;

(j) ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet għall-użu tad-derogi approvati skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009; u

(k) n-nuqqas ta' sottomissjoni, sottomissjoni tard, jew rapportar ħażin tad-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, tar-rekords tal-użin u tad-dokumenti tat-trasport.

KAPITOLU II

Adozzjoni ta' pjan ta' kampjunar, pjanijiet ta' kontroll u programm ta' kontroll komuni

Artikolu 9

Adozzjoni ta' pjan ta' kampjunar, pjanijiet ta' kontroll u programm ta' kontroll komuni

1. F'konformità mal-Artikolu 60(10) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, il-Kummissjoni b'dan tadotta l-pjanijiet segwenti ta' kampjunar, pjan ta' kontroll u programm ta' kontroll komuni:

(a) il-pjan ta' kampjunar għall-użin ta' prodotti tas-sajd li nħattu l-art, magħżula jew mhux magħżula, kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(b) il-pjan ta' kampjunar għall-użin ta' prodotti tas-sajd iffriżati, kif stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(c) il-pjan ta' kampjunar għall-prodotti tas-sajd li jintiżnu abbord, kif stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(d) il-pjan ta' kontroll għall-użin ta' prodotti tas-sajd friski wara t-trasport fit-territorju ta' Stat Membru fejn sar il-ħatt l-art, kif stabbilit fl-Anness V ta' dan ir-Regolament; u

(e) l-programm ta' kontroll komuni għall-użin ta' prodotti tas-sajd friski wara t-trasport mill-Istat Membru tal-ħatt l-art lejn destinazzjoni fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, kif stabbilit fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

2. Meta japplikaw għall-approvazzjoni skont l-Artikolu 10, l-Istati Membri għandhom jużaw il-pjanijiet ta' kampjunar, il-pjanijiet ta' kontroll, u l-programm ta' kontroll komuni adottati f'konformità mal-paragrafu 1. Il-pjanijiet ta' kampjunar, il-pjanijiet ta' kontroll, u l-programmi ta' kontroll komuni sottomessi għall-approvazzjoni jistgħu jinkludu miżuri tranżizzjonali applikabbli sal-10 ta' Jannar 2028, bil-għan li tkun żgurata t-tranżizzjoni bla xkiel lejn ir-reġimi ġodda tal-użin.

3. Il-pjanijiet ta' kampjunar, il-pjan ta' kontroll u l-programm ta' kontroll komuni adottati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu applikati f'konformità mal-Artikoli minn 3 sa 8.

KAPITOLU III

Approvazzjoni għall-użin mal-ħatt l-art, abbord jew wara t-trasport f'konformità mal-pjanijiet ta' kampjunar, mal-pjanijiet ta' kontroll, jew mal-programmi ta' kontroll komuni

Artikolu 10

Preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet mill-Istati Membri

1. Stat Membru wieħed jew aktar ("l-Istat(i) Membru/i applikant(i)") jistgħu jissottomettu applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni biex jippermettu li l-prodotti tas-sajd jintiżnu mal-ħatt l-art, abbord jew wara t-trasport, f'konformità mal-pjanijiet ta' kampjunar, pjan ta' kontroll, jew programm ta' kontroll komuni adottat skont l-Artikolu 9, soġġett għall-proċedura stipulati f'dan il-Kapitolu.

2. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru responsabbli għall-applikazzjoni;

(b) id-deroga speċifika jew id-derogi speċifiċi previsti fl-Artikolu 60(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, flimkien mal-pjan ta' kampjunar, il-pjan ta' kontroll u l-programm ta' kontroll komuni rilevanti stabbiliti f'konformità mal-Anness rispettiv ta' dan ir-Regolament;

(c) l-impenn tal-Istat(i) Membru/i applikant(i) li jikkonforma(w) mal-pjan ta' kampjunar, il-pjan ta' kontroll jew il-programm ta' kontroll komuni rilevanti;

(d) dettalji dwar kwalunkwe kundizzjoni alternattiva proposta skont it-Taqsima D tal-Anness II, it-Taqsima E tal-Anness III, it-Taqsima D tal-Anness IV, it-Taqsima F tal-Anness V, u t-Taqsima F tal-Anness VI;

(e) fejn jixraq, ir-raġunijiet ġustifikati l-għala kwalunkwe miżuri tranżizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 9(2) huma meħtieġa; u

(f) kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Istat Membru applikant iqis rilevanti.

Artikolu 11

Valutazzjoni mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjonijiet sottomessi f'konformità mal-Artikolu 10(1) biex tiddetermina jekk:

(a) l-informazzjoni rilevanti kollha sottomessa skont l-Artikolu 10(2) hijiex kompluta u akkurata;

(b) kwalunkwe kundizzjonijiet alternattivi proposti skont it-Taqsima D tal-Anness II, it-Taqsima E tal-Anness III, it-Taqsima D tal-Anness IV, it-Taqsima F tal-Anness V, u t-Taqsima F tal-Anness VI humiex issodisfata.

(c) miżuri tranżizzjonali kif imsemmi fl-Artikoli 9(2) huma ġustifikati.

2. Jekk, fi żmien 6 xhur minn meta tirċievi applikazzjoni, il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni, il-miżuri u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma humiex biżżejjed jew ma jistgħux jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Istat(i) Membru/i applikant(i) biex jirrieżamina(w) u jlesti/u l-applikazzjoni fi żmien raġonevoli u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn 6 xhur mill-ħin tat-talba.

Artikolu 12

Riżultati tal-valutazzjoni

1. Applikazzjonijiet sottomessi f'konformità mal-Artikolu 10(1) għandhom jiġu approvati jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 11(1) huma ssodisfatti. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat(i) Membru/i applikant(i) mingħajr dewmien u għandha tipproċedi bl-approvazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 60(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, li għandha tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' 5 snin konsekuttivi.

2. L-applikazzjonijiet sottomessi f'konformità mal-Artikolu 10(1) għandhom jiġu miċħuda, wara konsultazzjoni minn qabel mal-Istat(i) Membru/i applikant(i), jekk:

(a) ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 11(1) mhumiex issodisfatti;

(b) l-Istat(i) Membru/i applikant(i) ma jlestix/jlestux l-applikazzjoni f'konformità mat-talba msemmija fl-Artikolu 10; jew

(c) il-Kummissjoni jkollha evidenza ta' nuqqas ta' konformità sistematiku mar-regoli dwar l-użin u r-reġistrazzjoni tal-qabdiet, inkluż permezz ta' investigazzjonijiet, verifiki, spezzjonijiet awtonomi jew awditi mwettqa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 96, 98, 99 u 100 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

3. Meta l-applikazzjonijiet jiġu miċħuda, tista' tiġi sottomessa applikazzjoni ġdida skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Kapitolu.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn ikun hemm evidenza ta' nuqqas ta' konformità sistematiku mal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11(1), inkluż permezz ta' investigazzjonijiet, verifiki, spezzjonijiet awtonomi jew awditi mwettqa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 96, 98, 99 u 100 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u wara konsultazzjoni mal-Istat(i) Membru/i applikant(i), il-Kummissjoni tista' tissospendi jew tirrevoka l-approvazzjoni tagħha.

Artikolu 13

Modifika u tiġdid tal-applikazzjonijiet approvati

1. L-Istat Membru applikant jista' jitlob/l-Istati Membri applikanti jistgħu jitolbu l-modifika tal-applikazzjonijiet approvati, diment li l-modifika tkun:

(a) debitament ġustifikata minn bidliet sostanzjali li jikkonċernaw ta' waħda jew aktar mir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 11(1);

(b) konsistenti ma' talba għal kundizzjonijiet alternattivi skont it-Taqsima D tal-Anness II, it-Taqsima E tal-Anness III, it-Taqsima D tal-Anness IV, it-Taqsima F tal-Anness V, u t-Taqsima F tal-Anness VI; u

(c) soġġett għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, kif stipulati fl-Artikoli 11 u 12.

2. L-Istat Membru applikant jista' jitlob/l-Istati Membri applikanti jistgħu jitolbu t-tiġdid tad-deroga approvata biex jippermetti/u l-użin f'konformità ma' pjan ta' kampjunar, pjan ta' kontroll jew programm ta' kontroll komuni għal perjodu addizzjonali ta' 5 snin konsekuttivi, mhux aktar tard minn sena qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' 5 snin imsemmi fl-Artikolu 12(3) u soġġett għall-Artikolu 12(4), diment li l-applikazzjoni kkonċernata ma tkunx ġiet modifikata skont il-paragrafu 1.

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 14

Protezzjoni u pproċessar ta' *data* personali

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* personali miġbura skont dan ir-Regolament tiġi pproċessata biss f'konformità mal-Artikolu 112 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-7 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-11 ta' Jannar 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Awwissu 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Rekwiżiti minimi għas-sistemi tal-użin

A. **Rekwiżiti ġenerali**

1. Is-sistemi tal-użin għandhom ikunu:

(a) xierqa għall-użin akkurat tal-prodotti tas-sajd, skont it-tip ta' sajd, il-kwantitajiet li jinħattu l-art, il-preżentazzjoni, u jekk il-prodotti tas-sajd jintiżnux abbord;

(b) imqiegħda fuq wiċċ stabbli u livellat, ħlief għall-imwieżen imdendla użati għall-użin ta' prodotti tas-sajd jew sistemi tal-użin użati għall-finijiet ta' użin abbord skont l-Anness IV, dment li tali mwieżen u sistemi jkunu stazzjonarji fil-ħin tal-użin u li kwalunkwe tbandil ma jaffettwax l-akkuratezza tar-riżultati tal-użin; u

(c) azzerati għal kull kaxxa, kontenitur u pallet li jkunu qegħdin jintużaw, jew, fejn teknikament possibbli, ipprogrammati minn qabel f'konformità mal-piż tara tal-kaxxa, tal-kontenitur jew tal-pallet kif speċifikat mill-manifattur.

B. **Rekwiżiti speċifiċi**

2. Kull meta tintuża sistema tal-użin b'ċinga trasportatriċi:

(a) din għandha tiġi installata b'mod li jiżgura li l-prodotti tas-sajd kollha li jidħlu f'faċilità tal-użin jgħaddu mis-sistema tal-użin xierqa;

(b) mill-10 ta' Jannar 2030, għandha tkun mgħammra b'funzjonalità li tippermetti:

(i) li l-utent jimmonitorja l-istatus operazzjonali u jidentifika kwalunkwe ħsara teknika jew nuqqas ta' funzjonament tas-sistema, inkluż permezz ta' notifiki ta' żbalji jew twissijiet; u

(ii) li l-operaturi tal-użin u l-uffiċjali awtorizzati jidentifikaw kwalunkwe manipulazzjoni diġitali tar-riżultati tal-użin, inkluż permezz ta' notifiki ta' żbalji jew twissijiet;

(c) din għandha tkun mgħammra:

(i) b'sistema li tiżgura r-reġistrazzjoni tal-apparat tal-għadd fil-bidu u mat-tlestija ta' kull operazzjoni ta' użin u t-total kumulattiv tal-piż, b'numru progressiv totali ta' mill-inqas 8 ċifri;

(ii) b'funzjoni ta' waqfien awtomatiku biex jiġi żgurat li l-ebda prodott tas-sajd ma jgħaddi mis-sistema tal-użin fil-każ ta' ħsara teknika jew nuqqas ta' funzjonament;

(iii) b'funzjoni ta' ssettjar għal żero li għandha tiġi rrisettjata qabel l-użin ta' kull ħatt l-art u, minn hemm 'il quddiem, bi frekwenza ddeterminata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-użin;

(d) l-apparat tal-għadd għandu jitqiegħed f'post viżibbli mill-unità tal-użin;

(e) l-użu kollu tas-sistema, inklużi avvenimenti bħall-manutenzjoni, l-approvazzjoni, it-testijiet mill-ġdid u l-ħasil, għandu jiġi rreġistrat mill-operatur tal-użin awtorizzat; u

(f) ma għandux ikollu kapaċitajiet ta' aċċess mill-bogħod. Kwalunkwe konnessjoni tad-data, kemm jekk permezz tal-Wi-Fi kif ukoll jekk permezz tal-Ethernet, hija permessa biss jekk ikun jista' jiġi żgurat li d-data tal-użin miġbura mis-sistema tkun sigura u protetta kontra kwalunkwe riskju ta' manipulazzjoni.

3. Kull meta tintuża sistema tal-użin f'lottijiet:

(a) din għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-punti 2(a), (b), (d), (e) u (f); u

(b) din għandha tkun mgħammra:

(i) b'apparat tal-għadd viżibbli li jiżgura r-reġistrazzjoni tal-apparat tal-għadd għal kull ħatt l-art mill-bidu sat-tlestija ta' kull operazzjoni tal-użin u l-piż totali kumulattiv, b'numru progressiv totali ta' mill-inqas 8 ċifri;

(ii) b'funzjoni ta' waqfien awtomatiku biex jiġi żgurat li l-ebda prodott tas-sajd ma jgħaddi mis-sistema tal-użin fil-każ ta' ħsara teknika jew nuqqas ta' funzjonament;

(iii) b'funzjoni ta' ssettjar għal żero li għandha tiġi rrisettjata qabel l-użin ta' kull ħatt l-art u, minn hemm 'il quddiem, bi frekwenza ddeterminata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-użin; u

(iv) b'detettur tal-bokkaporti jew sensuri tal-użin biex jiġi pprevenut il-fluss liberu mhux individwat ta' materjal mhux miżun minn ġol-lott.

4. Kull meta tintuża sistema ta' miżien tat-tagħbija u sakemm ma tkunx possibbli reġistrazzjoni diġitali, din għandha tkun kapaċi toħroġ irċevuta tal-użin li tindika l-piż gross u nett ta' kull operazzjoni tal-użin, id-data u l-ħin tal-użin, u n-numru tal-identità tal-unità tat-trasport miżuna. L-operatur tal-użin awtorizzat għandu jżomm kopja tal-irċevuta tal-użin u jagħmilha disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq talba.

5. Kull meta jintużaw sistemi tal-użin mhux awtomatiċi, inklużi mwieżen, għall-użin tal-pallets, dawn għandhom mill-inqas ikunu mgħammra b'reġistru awtomatiku jew semiawtomatiku ta' użin tal-pallets.

6. Kull meta jintużaw sistemi ta' għarbiel b'tanbur għat-tbattil tal-ilma qabel l-użin tal-qabdiet maħsuba għal skopijiet industrijali, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti minimi li ġejjin:

(a) waqt il-ħatt l-art, il-prodotti li jinħattu l-art għandhom jgħaddu minn għarbiel b'tanbur wieħed biss għat-tneħħija tal-ilma qabel l-użin;

(b) it-toqob tal-filtrazzjoni fl-għarbiel b'tanbur ma għandhomx jaqbżu l-10 mm; id-dijametru intern tal-għarbiel b'tanbur ma għandux jaqbeż l-1 700 mm;

(c) it-tul totali tal-għarbiel qabel l-użin, minbarra ċ-ċineg trasportaturi, ma għandux jaqbeż il-11-il metru;

(d) il-veloċità tar-rotazzjoni tal-għarbiel b'tanbur ma għandhiex taqbeż it-28 dawra fil-minuta;

(e) l-erja tal-ftuħ tad-dawl fis-sezzjoni tal-filtrazzjoni ma għandhiex taqbeż il-45 %.

7. Kull meta jintużaw sistemi ta' tbattil tal-ilma permezz ta' ċinga għat-tbattil tal-ilma qabel l-użin tal-qabdiet maħsuba għal skopijiet industrijali, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti minimi li ġejjin:

(a) fl-għarbiel ta' quddiem, l-ispazjar tal-vireg jew it-toqob tal-filtrazzjoni ma għandhomx jaqbżu l-10 mm;

(b) il-wisa' taċ-ċinga trasportatriċi tal-azzar għandha tkun bejn 1,8 u 2,5 metri;

(c) it-tul taċ-ċinga trasportatriċi tal-azzar ma għandux ikun inqas minn 2,6 metri u mhux aktar minn 10 metri.

8. Mill-10 ta' Jannar 2030, is-sistemi tal-użin li ġejjin għandhom ikunu mgħammra b'funzjoni tal-istampar għall-ġenerazzjoni ta' tikketti jew irċevuti tal-użin, sakemm ma tkunx possibbli r-reġistrazzjoni diġitali:

(a) is-sistemi tal-użin imsemmija fil-punti 2 u 3, fejn it-tikkettar huwa meħtieġ skont dan ir-Regolament; u

(b) s-sistemi tal-użin bil-miżien tat-tagħbija msemmija fil-punt 4.

ANNESS II

Pjan ta' kampjunar għall-użin ta' prodotti tas-sajd li jinħattu l-art magħżula jew mhux magħżula

Dan il-pjan ta' kampjunar jistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi għall-użin ta' prodotti tas-sajd minn sajd ta' ħut pelaġiku żgħir, kemm jekk ikunu nħattu l-art magħżula jew mhux magħżula, prodotti tas-sajd maħsuba għal skopijiet industrijali, u prodotti tas-sajd demersali li jinħattu l-art f'kaxxi standardizzati, f'konformità ma' deroga approvata skont l-Artikolu 60(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

A. **Regoli ġenerali**

1. Id-deroga għall-użin skont l-Artikolu 60(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness u għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 8 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-prodotti tas-sajd koperti minn dan l-Anness għandhom jinħattu l-art f'kundizzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 90(3)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-kwantitajiet jinħattu l-art f'kundizzjoni li ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet minħabba ċirkostanzi speċjali, bħall-funzjonament ħażin tas-sistemi ta' refriġerazzjoni abbord, dawk il-kwantitajiet għandhom, għall-finijiet ta' dan l-Anness, jiġu attribwiti għall-proporzjon ta' kull speċi ddeterminat mill-kampjunar imwettaq f'konformità mat-Taqsima B jew permezz ta' teknoloġiji li jiksbu riżultati aħjar jew ekwivalenti.

B. **Proċeduri**

3. Għall-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art mhux magħżula, għandhom japplikaw il-proċeduri ta' kampjunar stabbiliti fis-subtaqsimiet (i) u (ii) jew (iii).

4. Għall-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art magħżula, għandhom japplikaw il-proċeduri ta' kampjunar stabbiliti fis-subtaqsima (iii).

5. L-Istati Membri għandu jkollhom stabbiliti u jimplimentaw miżuri biex jiżguraw l-użin u r-reġistrazzjoni korretti tal-kampjuni mill-operaturi tal-użin awtorizzati. Bħala minimu, tali miżuri għandhom jirrikjedu li kull kampjun ikun identifikabbli, ittikkettat u miżmum separat mill-bqija tal-prodotti tas-sajd għal minimu ta' sagħtejn wara l-kampjunar jew sa tmiem l-użin. It-tikketti għandhom jindikaw il-piż nett ta' kull kwantità ta' kull speċi għal kull kampjun.

(i) ***Regoli biex tiġi ddeterminata l-kompożizzjoni tal-qabda ta' prodotti tas-sajd mhux magħżula***

6. Il-kampjuni għandhom jinġabru individwalment u f'intervalli regolari matul il-ħatt l-art kollu, mill-bidu sat-tlestija tiegħu u qabel l-għażla, minn operaturi tal-użin awtorizzati, bl-użu tal-matriċi(jiet) tad-daqs tal-kampjun imsemmija fil-punt 8. Kull operazzjoni ta' kampjunar għandha tinkludi mill-inqas il-passi li ġejjin:

(a) l-għażla tal-prodotti tas-sajd kollha fil-kampjun fl-ispeċijiet komponenti tagħhom;

(b) l-użin individwali tal-kwantitajiet ta' kull speċi f'kull kampjun, inklużi l-qabdiet aċċessorji u l-ispeċijiet mhux pelaġiċi; u

(c) r-reġistrazzjoni tal-piż ta' kull speċi f'kull kampjun.

7. Ħlief għall-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art f'kaxxi jew kontenituri, il-kampjuni għandhom jinġabru bl-użu ta' sistemi ta' kampjunar awtomatiċi jew semiawtomatiċi mqiegħda fuq is-separatur tal-ilma li jkun qiegħed jintuża, jew f'postijiet oħrajn identifikati mill-awtoritajiet kompetenti.

8. L-għadd xieraq ta' kampjuni għandu jiġi ddeterminat, skont il-kwantitajiet li jinħattu l-art, abbażi ta' matriċi rappreżentattiva tad-daqs tal-kampjun. Dik il-matriċi għandha, bħala minimu, tikkonforma mal-metodoloġija li ġejja:

MATRIĊIJIET GĦALL-KAMPJUNAR TA' QABDIET MHUX MAGĦŻULA TA' PRODOTTI TAS-SAJD TA' ĦUT PELAĠIKU ŻGĦIR

Sajd	Żona	Kwantitajiet tal-kampjuni		Daqs tal-kampjun individwali
Il-Baħar Baltiku HER/SPR	Suddiviżjonijiet 22-29 u 32 minbarra l-Golf ta' Riga (28.1)	5 kampjuni għal 0 – <10 t 7 kampjuni għal ≥10 – <20 t 9 kampjuni għal ≥20 – <30 t 12-il kampjun għal ≥ 30 – <40 t 15-il kampjun għal ≥40 – <50 t 18-il kampjun għal ≥50 – <100 t 21 kampjun għal ≥100 – <300 t	+ 1 kampjun għal kull 25 t addizzjonali	minimu ta' 2,5 kg
Il-Golf tal-Botnja HER	Suddiviżjonijiet 30,31	6 kampjuni għal 0 – <60 t	+ 1 kampjun għal kull 25 t addizzjonali	minimu ta' 5 kg
Il-Golf ta' Riga HER	Suddiviżjoni 28.1	5 kampjuni għal 0 – <15 t	+ 1 kampjun għal kull 5 t addizzjonali	minimu ta' 2,5 kg
Il-Baħar tat-Tramuntana HER	Suddiviżjonijiet 4a-c u 2a, 3a	5 kampjuni għal 0 – <500 t	+ 1 kampjun għal kull 100 t addizzjonali	minimu ta' 10 kg
Il-Baħar tat-Tramuntana SPR	Suddiviżjonijiet 4a-c u 3a	5 kampjuni għal 0 – <50 t 8 kampjuni għal ≥ 50 – <100 t	+ 1 kampjun għal kull 25 t addizzjonali	minimu ta' 10 kg
SAN	Iż-żona kollha	5 kampjuni għal 0 – <200 t	+ 1 kampjun għal kull 100 t addizzjonali	minimu ta' 10 kg
Il-Mediterran PIL/ANE	Il-Mediterran kollu	5 kampjuni għal 0 – <1 t 6 kampjuni għal ≥ 1 – <2 t 7 kampjuni għal ≥ 2 – <3 t 8 kampjuni għal ≥ 3 – <4 t 9 kampjuni għal ≥ 4 – <5 t	+ 1 kampjun għal kull 2 t addizzjonali	minimu ta' 5 kg
NOP / BOC	Iż-żoni kollha	10 kampjuni għal 0 – <100 t 15-il kampjun għal ≥ 100 – <200 t 20 kampjun għal ≥ 200 – <300 t	+ 1 kampjun għal kull 50 t addizzjonali	minimu ta' 10 kg
WHB	Iż-żoni kollha	5 kampjuni għal 0 – <800 t	+ 1 kampjun għal kull 100 t addizzjonali	minimu ta' 10 kg

MAC	Iż-żoni kollha	12-il kampjun għal 0 – <300 t	+ 1 kampjun għal kull 25 t addizzjonali	minimu ta' 20 kg
HOM	Iż-żoni kollha	8 kampjuni għal 0 – <50 t	+ 1 kampjun għal kull 15 t addizzjonali	minimu ta' 15 kg
L-Atlantiku HER	Iż-żoni kollha minbarra l-Baħar tat-Tramuntana u l-Baħar Baltiku	5 kampjuni għal 0 – <50 t	+ 1 kampjun għal kull 20 t addizzjonali	minimu ta' 20 kg
Ġeneriku għas-sajd mhux kopert hawn fuq	Iż-żoni kollha	5 kampjuni għal 0 – <10 t		minimu ta' 10 kg
		≥ 10 – <250 t	+ 1 kampjun għal kull 10t addizzjonali	
		≥ 250 – <500 t	+ 1 kampjun għal kull 50 t addizzjonali	
		≥ 500 t	+ 1 kampjun għal kull 100 t addizzjonali	

9. Jekk il-kwantitajiet inklużi fil-kampjun jaqbżu l-volum minimu ta' kampjun individwali indikat fil-matriċi tal-kampjunar imsemmija fil-punt 8, dawn għandhom jintużaw kollha kemm huma u ma għandhomx jitnaqqsu.

10. Sabiex tiġi ddeterminata l-kompożizzjoni tal-qabda tal-prodotti tas-sajd kollha li jinħattu l-art, il-proċedura għandha tkun kif ġej:

(a) irreġistra l-għadd totali ta' kampjuni miġbura skont il-punt 8 b'numerazzjoni sekwenzjali u l-ħin tal-kampjunar;

(b) ikkalkula u rreġistra l-piż (f'kg) ta' kull kwantità ta' kull speċi għal kull kampjun u l-piż totali tal-kampjun; u

(c) ikkalkula u rreġistra l-piż aggregat (f'kg) u l-proporzjon ta' kull kwantità ta' kull speċi għar-riżultati kkombinati tal-kampjunar, inklużi l-qabdiet aċċessorji u l-ispeċijiet mhux pelaġiċi.

11. Il-piż tal-kampjuni kollha għandu jiġi inkluż fil-piż totali tal-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art.

(ii) ***Regoli biex jiġi ddeterminat il-piż totali tal-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art mingħajr użin tal-kampjuni u mhux magħżula***

12. Il-piż totali tal-kwantitajiet kollha mhux magħżula li jinħattu l-art jista' jiġi ddeterminat mingħajr użin tal-kampjun kif ġej:

(a) meta l-prodotti tas-sajd jinħattu l-art f'kontenituri, il-piż totali għandu jiġi ddeterminat billi jintiżnu l-kontenituri kollha u jitnaqqas il-piż tara korrispondenti. It-tara permessa għandha tkun il-piż tara ddikjarat mill-manifattur;

(b) meta l-prodotti tas-sajd jintiżnu fuq ċinga trasportatriċi jew fuq sistemi tal-użin f'lottijiet:

(i) iċ-ċifra tal-bidu rreġistrata għandha tkun it-total kumulattiv inizjali muri;

(ii) iċ-ċifra finali rreġistrata għandha tkun it-total kumulattiv muri wara l-użin; u

(iii) d-differenza bejn iċ-ċifri fil-punti (i) u (ii) għandha tkun il-piż tal-ħut.

(c) meta l-prodotti tas-sajd jintiżnu fuq imwieżen tat-tagħbija, il-piż irreġistrat għandu jkun id-differenza bejn l-unità tat-trasport mingħajr ħut u l-unità tat-trasport mgħobbija bil-ħut.

13. Il-piż totali muri fuq is-sistema tal-użin, flimkien mal-piż ta' kwalunkwe kampjun miġbur f'konformità mal-punt 8 hawn fuq, se jkun il-piż aggregat totali tal-prodotti tas-sajd kollha li jkunu nħattu l-art. Il-piż totali għal kull speċi tal-prodotti tas-sajd kollha li jinħattu l-art għandu jinkiseb billi jiġi estrapolat il-proporzjon ta' kull speċi, kif iddeterminat f'konformità mal-punt 8 għall-piż totali tal-kwantitajiet kollha mhux magħżula li jkunu nħattu l-art, kif iddeterminat f'konformità mal-punt 12.

(iii) ***Regoli biex jiġi ddeterminat il-piż totali ta' prodotti tas-sajd magħżula u mhux magħżula permezz ta' użin ta' kampjuni ta' kaxxi standardizzati u kontenituri standardizzati***

14. Il-kampjuni ta' kaxxi standardizzati jew ta' kontenituri standardizzati għandhom jinġabru individwalment u f'intervalli regolari matul il-ħatt l-art kollu, mill-bidu sat-tlestija tiegħu, minn operaturi tal-użin awtorizzati, bl-użu tal-matriċi tad-daqs tal-kampjun imsemmija fil-punti 17 u 19. Kull operazzjoni ta' kampjunar għandha tinkludi mill-inqas il-passi li ġejjin:

(a) l-użin ta' kull kaxxa standardizzata jew kontenitur standardizzat li jittieħdu kampjuni tagħhom mal-ħatt l-art;

(b) il-kalkolu tal-piż medju tal-kaxxi standardizzati jew tal-kontenituri standardizzati li jinħattu l-art billi l-piż kumulattiv tal-kaxxi jew tal-kontenituri kollha inklużi fil-kampjun jiġi diviż bl-għadd ta' kaxxi standardizzati jew kontenituri standardizzati inklużi fil-kampjun;

(c) il-kalkolu tad-devjazzjoni massima mill-piż medju fil-kampjun, iddeterminat bħala l-ogħla perċentwal assolut li jirriżulta mid-diviżjoni tad-differenza bejn il-piż ta' kwalunkwe kaxxa standardizzata jew kontenitur standardizzat individwali inkluż fil-kampjun mal-ħatt l-art u l-piż medju kkalkolat f'konformità mas-subpunt (b) b'dak il-piż medju u l-multiplikazzjoni tar-riżultat b'100;

(d) il-kalkolu tal-piż gross totali tal-kaxxi standardizzati jew tal-kontenituri standardizzati billi l-piż medju kif iddeterminat taħt is-subpunt (b) jiġi mmultiplikat bl-għadd totali ta' kaxxi standardizzati jew kontenituri standardizzati li jinħattu l-art; u

(e) għal prodotti tas-sajd ta' ħut pelaġiku żgħir mhux magħżula li jinħattu l-art f'kontenituri standardizzati, il-kwantitajiet totali ta' kull speċi li jinħattu l-art għandhom jinkisbu billi jiġi estrapolat il-proporzjon ta' speċijiet preżenti fil-prodotti tas-sajd miksuba permezz tal-kampjunar biex tiġi stabbilita l-kompożizzjoni tal-qabda taħt is-subtaqsima (i) għall-piż totali tal-prodotti tas-sajd kollha li jinħattu l-art, kif iddeterminat permezz ta' proċeduri ta' kampjunar bl-użu tal-matriċi tad-daqs tal-kampjun imsemmija fil-punt 17.

15. L-għadd xieraq ta' kampjuni għandu jiġi ddeterminat, skont il-kwantitajiet li jinħattu l-art, abbażi ta' matriċi rappreżentattiva tad-daqs tal-kampjun f'konformità mal-punti 17 u 19.

16. Għal prodotti tas-sajd ta' ħut pelaġiku żgħir magħżula jew mhux magħżula li jinħattu l-art f'kaxxi standardizzati jew f'kontenituri standardizzati, tista' tiġi applikata metodoloġija ta' kampjunar f'żewġ stadji:

(a) l-ewwel kampjun jintiżen bl-użu tal-matriċi tal-kampjunar għall-Kampjun I imsemmija fil-punt 17;

(b) meta l-piż medju tal-kaxxi standardizzati jew tal-kontenituri standardizzati bi prodotti tas-sajd ta' ħut pelaġiku żgħir magħżula jew mhux magħżula ddeterminat f'konformità mal-Kampjun I jiddevja b'aktar minn 5 % minn kwalunkwe piż individwali fost il-kaxxi jew il-kontenituri inklużi fil-kampjun, għandhom jintiżnu kaxxi standardizzati jew kontenituri standardizzati addizzjonali skont il-matriċi tal-kampjunar għall-Kampjun II imsemmija fil-punt 17;

(c) Il-kampjun II għandu jikkonsisti fil-kaxxi jew fil-kontenituri mill-Kampjun I issupplimentati bl-għadd ta' kaxxi jew kontenituri meħtieġa biex jinkiseb id-daqs tal-kampjun speċifikat mill-matriċi tal-Kampjun II;

(d) meta l-piż medju tal-kaxxi standardizzati jew tal-konteniturі standardizzati bi prodotti tas-sajd ta' ħut pelaġiku żgħir magħżula jew mhux magħżula ddeterminat f'konformità mal-Kampjun I u mal-Kampjun II jiddevja b'aktar minn 7,5 % minn kwalunkwe piż individwali fost il-kaxxi jew il-konteniturі inklużi fil-kampjun, il-kaxxi standardizzati jew il-konteniturі standardizzati kollha tal-prodotti tas-sajd għandhom jintiżnu kompletament mal-ħatt l-art.

17. Soġġett għall-punt 16, għal prodotti tas-sajd ta' ħut pelaġiku żgħir magħżula jew mhux magħżula li jinħattu l-art f'kaxxi standardizzati jew f'konteniturі standardizzati, il- metodoloġija ta' kampjunar f'żewġ stadji għandha tkun ibbażata, bħala minimu, fuq il-matriċi li ġejja, biex jiġu ddeterminati l-kwantitajiet totali li jkunu nħattu l-art:

PRODOTTI TAS-SAJD TA' ĦUT PELAĠIKU ŻGĦIR MAGĦŻULA JEW MHUX MAGĦŻULA		
L-għadd totali ta' kaxxi standardizzati jew konteniturі standardizzati li jinħattu l-art	Daqs tal-Kampjun I (l-għadd ta' kaxxi standardizzati jew konteniturі standardizzati)	Daqs tal-Kampjun II (l-għadd ta' kaxxi standardizzati jew konteniturі standardizzati)
10 jew inqas	4	6
11 – 20	5	8
21 – 30	5	10
31 – 40	5	10
41 – 50	5	11
51 – 60	6	11
61 – 70	6	11
71 – 80	6	11
81 – 90	6	12
91 – 100	6	12
Kull 100 kaxxa jew kontenitur addizzjonali	+ 1	+ 1

18. Għall-prodotti tas-sajd demersali li jinħattu l-art f'kaxxi standardizzati, tista' tiġi applikata metodoloġija ta' kampjunar f'żewġ stadji:

(a) l-ewwel kampjun jintiżen bl-użu tal-matriċi tal-kampjunar għall-Kampjun I imsemmija fil-punt 19;

(b) meta l-piż medju tal-kaxxi standardizzati bi prodotti tas-sajd demersali fil-Kampjun I jiddevja b'aktar minn 5 % minn kwalunkwe piż individwali fost il-kaxxi inklużi fil-kampjun, għandhom jintiżnu kaxxi standardizzati addizzjonali skont il-matriċi tal-kampjunar għall-Kampjun II imsemmija fil-punt 19;

(c) Il-Kampjun II għandu jikkonsisti fil-kaxxi mill-Kampjun I issupplimentati bl-għadd ta' kaxxi meħtieġa biex jinkiseb id-daqs tal-kampjun speċifikat mill-matriċi tal-Kampjun II;

(d) meta l-piż medju tal-kaxxi standardizzati bi prodotti tas-sajd demersali fil-Kampjun I u fil-Kampjun II jiddevja b'aktar minn 10 % minn kwalunkwe piż individwali fost il-kaxxi inklużi fil-kampjun, il-kaxxi standardizzati kollha tal-prodotti tas-sajd għandhom jintiżnu kompletament mal-ħatt l-art.

19. Soġġett għall-punt 18, għall-prodotti tas-sajd demersali li jinħattu l-art f'kaxxi standardizzati, il-metodolġija ta' kampjunar f'żewġ stadji għandha tkun ibbażata, bħala minimu, fuq il-matriċi li ġejja, biex jiġu ddeterminati l-kwantitajiet totali li jkunu nħattu l-art:

PRODOTTI TAS-SAJD DEMERSALI		
L-għadd totali ta' kaxxi standardizzati li nħattu l-art	Daqs tal-Kampjun I (l-għadd ta' kaxxi standardizzati)	Daqs tal-Kampjun II (l-għadd ta' kaxxi standardizzati)
5 jew inqas	Kollha	Kollha
5 – 10	5	Kollha
11 – 20	5	11
21 – 30	5	14
31 – 40	5	15
41 – 50	5	16
51 – 60	6	17
61 – 70	6	18
71 – 80	6	19
81 – 90	6	19
91 – 100	6	20
101 – 150	M/A	21
Kull 100 kaxxa standardizzata addizzjonali	+ 1	+ 2

C. **Miżuri biex tiġi żgurata l-konformità**

20. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw b'mod effettiv il-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness fl-istadji kollha tal-proċess tal-kampjunar u jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jikkommettu ksur ta' dawn ir-regoli, u l-persuni ġuridiċi li jinżammu responsabbli għalih, ikunu soġġetti għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi u miżuri ta' infurzar oħrajn, f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

21. Il-proċeduri msemmija fit-Taqsima B għandhom jitwettqu f'mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-preżenza tal-uffiċjali;

(b) f'faċilitajiet tal-użin li huma kompletament jew parzjalment proprjetà pubblika jew operati pubblikament u li jkunu soġġetti għal mekkaniżmi ddedikati ta' kontroll, spezzjoni u trasparenza, sabiex jiġi eskluż kwalunkwe kunflitt ta' interess dirett jew indirett li jista' jaffettwa l-eżerċitar imparzjali tal-kompiti tagħhom;

(c) minn piżaturi terzi indipendenti li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet minimi stabbiliti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1474 ([1]), soġġetti għal mekkaniżmi ddedikati ta' kontroll, spezzjoni u trasparenza;

(d) soġġetti għal miżuri ta' kontroll alternattivi mitluba skont il-punt 23, abbażi tal-ġestjoni tar-riskju u l-iżgurar tal-konformità mat-Taqsima B, bħall-użu ta' sistema ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod (REM) b'televiżjoni b'ċirkwit magħluq (CCTV) jew b'teknoloġija ekwivalenti. Dawk il-miżuri għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(2)(d).

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1474 tal-24 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tal-Artikolu 14(4), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 fir-rigward tad-deroga mill-marġni ta' tolleranza fl-estimi tal-qabdiet għall-kwantitajiet mhux magħżula, żbarkati u trażbordati mis-sajd ta' ħut pelaġiku żgħir, mis-sajd industrijali u mis-sajd għat-tonn tropikali bit-tartarun tal-borża (ĠU L, 2024/1474, 27.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1474/oj).

22. Meta jintużaw sistemi REM b'CCTVs, f'konformità mal-punt 21(d), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-użin għandhom:

(a) jirrieżaminaw l-installazzjoni tagħhom biex jiżguraw l-effettività ta' tali sistemi għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-użin, tal-kampjunar u tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet;

(b) ikollhom aċċess għas-sistemi u għar-reġistrazzjonijiet, fuq talba; u

(c) jirrieżaminaw għadd minimu tar-reġistrazzjonijiet tas-CCTV bħala parti mill-miżuri ta' kontroll u spezzjoni msemmija fl-Artikolu 8.

D. **Kundizzjonijiet alternattivi**

23. L-Istati Membri jistgħu jitolbu kundizzjonijiet alternattivi għal dawk stabbiliti fil-punti 6, 7, 8, 10, 16 sa 19, u 21 ta' dan l-Anness, dment li tali kundizzjonijiet alternattivi:

(a) jikkonċernaw sitwazzjonijiet speċjali relatati ma':

(i) bastimenti tal-qbid b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru;

(ii) kwantitajiet żgħar li jinħattu l-art, jintiżnu jew jiġu ttrasportati;

(iii) is-sejbiet ta' studji jew korpi xjentifiċi indipendenti li huma rikonoxxuti fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali;

(iv) il-piż bejn kaxxa u oħra tal-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art f'kaxxi standardizzati;

(v) l-istat tal-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd;

(vi) prodotti tas-sajd mhux soġġetti għal kwota jew sajd speċifiku għall-Istati Membri;

(vii) l-operaturi tal-użin awtorizzati; jew

(viii) l-użu ta' teknoloġija ġdida; u

(b) jiżguraw l-istess livell jew livell ogħla ta' akkuratezza fir-riżultati tal-użin u tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet.

24. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-qabdiet ta' speċijiet mhux soġġetti għal miżuri ta' konservazzjoni tal-Unjoni, minn sajd ta' ħut pelaġiku żgħir u sajd demersali koperti minn dan l-Anness, jinħattu l-art mhux magħżula u li ma jaqbżux il-100 kg fil-piż totali, jittieħdu kampjuni tagħhom bl-użu ta' metodoloġija alternattiva tad-daqs tal-kampjun għajr dik msemmija fil-punti 8, 17 u 19 u proċeduri assoċjati. Tali metodoloġija u proċeduri għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(2)(d) u għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 23.

ANNESS III

Pjan ta' kampjunar għall-użin ta' prodotti tas-sajd iffriżati

Dan il-pjan ta' kampjunar jistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi għall-użin tal-prodotti tas-sajd li ġejjin, f'konformità ma' deroga approvata skont l-Artikolu 60(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009:

(a) prodotti tas-sajd ta' ħut pelaġiku żgħir u demersali ffriżati li jinħattu l-art magħżula f'pallets standardizzati; u

(b) prodotti tas-sajd ta' ħut pelaġiku kbir iffriżati ta' piż individwali żgħir mis-sajd tat-tonn tropikali bit-tartarun tal-borża, li jinħattu l-art mhux magħżula.

A. **Regoli ġenerali**

1. Id-deroga għall-użin skont l-Artikolu 60(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness u għal regoli oħrajn stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 8 ta' dan ir-Regolament.

2. Dan l-Anness għandu japplika għal prodotti tas-sajd iffriżati ta' speċijiet pelaġiċi żgħar u demersali li jinħattu l-art f'pallets standardizzati, dment li:

   (a) l-għadd totali stmat ta' tali pallets jiġi kkomunikat mill-kaptan lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-ħatt l-art qabel ma jibda l-ħatt l-art; u

   (b) l-Istati Membri tal-użin ikollhom stabbiliti u jimplimentaw proċeduri biex jiżguraw l-għadd u l-identifikazzjoni akkurati tal-pallets standardizzati kollha li jinħattu l-art u jinħażnu, li jippermettu li kull pallet jiġi traċċat sal-ewwel bejgħ.

3. Dan l-Anness għandu japplika għall-parti tal-qabda ta' prodotti tas-sajd ta' ħut pelaġiku kbir iffriżati ta' piż individwali mis-sajd tat-tonn tropikali bit-tartarun tal-borża, li jinħattu l-art mhux magħżula, li ma jaqbżux limitu sottomess lill-Kummissjoni u maqbul magħha, dment li l-kwantitajiet kollha li ma jaqbżux il-limitu applikabbli jintgħażlu mill-bqija tal-qabda, jintiżnu u jinżammu separati minn prodotti tas-sajd oħrajn, inklużi prodotti tas-sajd ta' ħut pelaġiku kbir iffriżati li jaqbżu l-limitu applikabbli, sal-ewwel bejgħ.

B. **Proċeduri li japplikaw għal prodotti tas-sajd iffriżati ta' speċijiet pelaġiċi żgħar u demersali li jinħattu l-art f'pallets standardizzati**

4. L-operaturi tal-użin awtorizzati għandhom jiżguraw li l-prodotti tas-sajd iffriżati kollha li jinħattu l-art eliġibbli għal kampjunar skont dan l-Anness jgħaddu minn punt dežinjat wieħed, fejn il-pallets kollha għandhom jingħaddu u jiġu rreġistrati permezz ta' mekkaniżmi awtomatizzati.

5. Sabiex jiġi ddeterminat il-piż medju tal-pallets standardizzati, għal kull speċi, il-kampjuni għandhom jinġabru individwalment u f'intervalli regolari matul il-proċess kollu tal-ħatt l-art, mill-bidu sat-tlestija tiegħu, minn operatur tal-użin awtorizzat, bl-użu tal-matriċi(jiet) tad-daqs tal-kampjun imsemmija fil-punti 7 u 8. Kull operazzjoni ta' kampjunar għandha tinkludi mill-inqas il-passi li ġejjin:

   (a) l-għażla ta' kampjun ta' pallets standardizzati għal kull speċi, bl-użu tal-matriċi tad-daqs tal-kampjun imsemmija hawn fuq;

   (b) l-użin tal-għadd totali ta' pallets standardizzati li għandu jittieħed kampjun tagħhom mal-ħatt l-art;

   (c) il-kalkolu tal-piż gross ta' kull pallet standardizzat inkluż fil-kampjun;

   (d) il-kalkolu tal-piż nett ta' kull pallet standardizzat inkluż fil-kampjun billi jitnaqqas il-piż tara xieraq, kif stabbilit f'konformità mal-punti 10 sa 12, mill-piż gross taħt il-punt (c). It-tikketti għandhom jindikaw il-piż nett ta' kull pallet standardizzat inkluż fil-kampjun;

   (e) il-kalkolu tal-piż nett medju ta' pallets standardizzati għal kull speċi billi l-piż nett kumulattiv tal-pallets kollha inklużi fil-kampjun jiġi diviż skont il-punt (d) bl-għadd ta' pallets inklużi fil-kampjun għall-istess speċi; u

(f) l-kalkolu tal-piż nett totali tal-prodotti tas-sajd iffriżati kollha li jkunu nħattu l-art f'pallets standardizzati billi l-piż(ijiet) nett(i) medju/i taħt il-punt (e) jiġi/u mmultiplikat(i) bl-għadd ta' pallets korrispondenti li jinħattu l-art għal kull speċi.

6. L-għadd xieraq ta' kampjuni għandu jiġi ddeterminat mill-operatur tal-użin awtorizzat, skont il-kwantitajiet li jinħattu l-art, abbażi ta' matriċi rappreżentattiva tad-daqs tal-kampjun f'konformità mal-punti 7 u 8.

7. Għal pallets standardizzati ta' speċijiet pelaġiċi żgħar, l-ammont minimu tal-kampjun għandu jkun ibbażat fuq l-għadd ta' pallets standardizzati li jinħattu l-art, skont il-matriċi li ġejja:

Għadd ta' pallets standardizzati	Daqs tal-kampjun: l-għadd ta' pallets standardizzati li għandhom jittieħdu kampjuni tagħhom għal kull speċi		
	PEL IEĦOR	JAX	ARG
50 jew inqas	19	23	21
51 – 75	22	26	24
76 – 100	24	29	26
101 – 200	27	34	29
201 – 250	28	35	30
251 – 500	29	37	32
501 – 750	30	38	33
751 – 1000	30	39	33
1001 – 1500	30	39	34
1501 – 3000	31	40	34
3001 – 6000	31	40	34
Kull + 1000 addizzjonali jew parzjali	+ 2	+ 2	+ 2

8. Għal pallets standardizzati ta' speċijiet demersali, l-ammont minimu tal-kampjun għandu jkun ibbażat fuq l-għadd ta' pallets standardizzati ta' kull speċi li jinħattu l-art skont il-matriċi li ġejja, fejn il-varjabbiltà fil-piż tal-pallets mill-piż medju kkalkolat tal-pallet ma taqbiżx il-5 %:

Għadd ta' pallets standardizzati	Daqs tal-kampjun (pallets standardizzati) għall-prodotti tas-sajd demersali b'varjabbiltà ta' 5 %
50 jew inqas	16
51 – 75	18
76 – 100	20
101 – 200	22
201 – 250	22
251 – 500	23
501 – 750	23
751 – 1000	23
1001 – 1500	24
1501 – 3000	24
3001 – 6000	24
Kull + 1000 addizzjonali jew parzjali	+ 2

9. L-Istati Membri għandu jkollhom stabbiliti u jimplimentaw miżuri biex jiżguraw l-użin u r-reġistrazzjoni korretti tal-kampjuni mill-operaturi tal-użin awtorizzati, u biex jimmonitorjaw l-għadd u l-post tal-pallets standardizzati. Bħala minimu, tali miżuri għandhom jirrikjedu li l-pallets standardizzati kollha inklużi fil-kampjun jinżammu separati mill-bqija tal-pallets standardizzati f'żona ddeżinjata għal identifikazzjoni faċli sat-tlestija tal-użin, sakemm ma jkunx awtorizzat mod ieħor mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru għall-ħatt l-art spezzjonat. Inkella, meta jkun hemm stabbilita sistema ta' ġestjoni tal-ħżin li tiżgura l-identifikazzjoni u l-post tal-pallets standardizzati kollha, u meta l-pallets magħżula għall-użin tal-kampjuni jkunu disponibbli minnufih għall-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-ħatt l-art fuq talba, iż-żona dežinjata għal identifikazzjoni faċli ma għandhiex tkun meħtieġa.

Tnaqqis fil-piż tara

10. Il-piż tara ta' pallet standardizzat għandu jiġi kkalkolat bħala s-somma tal-piżijiet tara tal-kaxxi standardizzati kollha li jinkludu l-pallet (jiġifieri, il-piż tara ta' kaxxa standardizzata waħda mmultiplikat bl-għadd ta' kaxxi fil-pallet), flimkien mal-piż tara tal-manifattur tal-pallet vojt jew niexef innifsu. Il-piż tara ta' kaxxa standardizzata għandu jinkludi l-piż tal-imballaġġ tal-manifattur. It-tnaqqis tas-silġ u tal-ilma jista' jiġi applikat biss soġġett għall-punt 12.

11. Meta l-informazzjoni dwar il-piż tara tal-manifattur tal-imballaġġ jew tal-pallet ma tkunx disponibbli, għandha tapplika l-proċedura li ġejja biex jiġi ddeterminat il-piż tara:

(a) għal kull pallet standardizzat, għandu jintiżen kampjun ta' 10 kaxxi standardizzati biex jiġi ddeterminat il-piż medju tal-imballaġġ. Il-kampjuni għandhom jintgħażlu minn pallets standardizzati differenti. L-imballaġġ kollu użat għal dan il-kejl għandu jkun mingħajr ħsara u niexef;

(b) ikkalkula l-piż tara medju tal-imballaġġ billi tiddividi l-piż totali mill-10 kampjuni b'10; u

(c) biex jiġi ddeterminat il-piż tara medju għal pallet standardizzat, iżen individwalment 10 pallets nexfin u mingħajr ħsara magħżula b'mod aleatorju. Ikkalkula l-piż tara medju billi tiddividi l-piż totali b'10.

12. Fil-każ ta' prodotti tas-sajd pelaġiċi ffriżati li jinħattu l-art f'pallets standardizzati, il-piż tara tal-imballaġġ (inkluż is-silġ) li għandu jiġi applikat għal kull kaxxa standardizzata għandu jkun ta' 1 kg.

C. **Proċeduri li japplikaw għal prodotti tas-sajd ta' ħut pelaġiku kbir iffriżati ta' piż individwali żgħir li jinħattu l-art mhux magħżula**

13. Il-kampjuni għandhom jinġabru individwalment u f'intervalli regolari matul il-ħatt l-art kollu, mill-bidu sat-tlestija tiegħu, minn operatur tal-użin awtorizzat, bl-użu ta' matriċi rappreżentattiva tad-daqs tal-kampjun, li għandha tkun ibbażata, bħala minimu, fuq metodoloġija miftiehma mal-Kummissjoni.

14. Kull operazzjoni ta' kampjunar għandha tinkludi mill-inqas il-passi li ġejjin:

(a) id-determinazzjoni tal-piż totali mhux magħżul ta' prodotti tas-sajd ta' ħut pelaġiku kbir iffriżati li ma jaqbżux il-limitu applikabbli;

(b) id-determinazzjoni, f'konformità mal-punt 13, tal-proporzjon medju ta' prodotti tas-sajd ta' ħut pelaġiku kbir iffriżati li ma jaqbżux il-limitu applikabbli;

(c) l-applikazzjoni tal-piż totali mhux magħżul iddeterminat fil-punt (a) għall-proporzjon medju ddeterminat fil-punt (b) sabiex jiġu kkalkolati l-kwantitajiet ta' kull speċi;

(d) id-determinazzjoni tal-piż totali li jkun inħatt l-art ta' kull speċi ta' prodotti tas-sajd ta' ħut pelaġiku kbir iffriżati billi jiżdiedu l-kwantitajiet iddeterminati fil-punt (c) mal-kwantitajiet ta' prodotti tas-sajd ta' ħut pelaġiku kbir iffriżati li jaqbżu l-limitu applikabbli.

15. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw miżuri biex jiżguraw l-użin u r-reġistrazzjoni korretti tal-kampjuni mill-operaturi tal-użin awtorizzati. Bħala minimu, dawk il-miżuri għandhom jirrikjedu li kull kampjun ikun identifikabbli, ittikkettat u miżmum separat mill-prodotti tas-sajd li jifdal għal mill-inqas sagħtejn wara l-kampjunar u sat-tmiem tal-ħatt l-art.

D. **Miżuri biex tiġi żgurata l-konformità**

16. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw b'mod effettiv il-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness fl-istadji kollha tal-proċess tal-kampjunar u jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jikkommettu ksur ta' dawn ir-regoli, u l-persuni ġuridiċi li jinżammu responsabbli għalih, ikunu soġġetti għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi u miżuri ta' infurzar oħrajn, f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

17. Il-proċeduri msemmija fit-Taqsimiet B u C għandhom jitwettqu f'mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-preżenza tal-uffiċjali;

(b) f'faċilitajiet tal-użin li huma kompletament jew parzjalment proprjetà pubblika jew operati pubblikament u li jkunu soġġetti għal mekkaniżmi ddedikati ta' kontroll, spezzjoni u trasparenza, sabiex jiġi eskluż kwalunkwe kunflitt ta' interess dirett jew indirett li jista' jaffettwa l-eżerċitar imparzjali tal-kompiti tagħhom;

(c) minn piżaturi terzi indipendenti li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet minimi stabbiliti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1474, soġġetti għal mekkaniżmi ddedikati ta' kontroll, spezzjoni u trasparenza;

(d) soġġett għal miżuri ta' kontroll alternattivi mitluba skont il-punt 19, abbażi tal-ġestjoni tar-riskju u l-iżgurar tal-konformità mat-Taqsimiet B u C, bħall-użu ta' sistema ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod (REM) b'televiżjoni b'ċirkwit magħluq (CCTV) jew b'teknoloġija ekwivalenti. Dawk il-miżuri għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(2)(d).

18. Meta jintużaw sistemi REM b'CCTVs, f'konformità mal-punt 17(d), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-użin għandhom:

(a) jirrieżaminaw l-installazzjoni tagħhom biex jiżguraw l-effettività ta' tali sistemi għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-użin, tal-kampjunar u tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet;

(b) ikollhom aċċess għar-reġistrazzjonijiet; u

(c) jirrieżaminaw għadd minimu tar-reġistrazzjonijiet tas-CCTV bħala parti mill-miżuri ta' kontroll u spezzjoni msemmija fl-Artikolu 8.

E. **Kundizzjonijiet alternattivi**

19. L-Istati Membri jistgħu jitolbu kundizzjonijiet alternattivi għal dawk stabbiliti fil-punti 4, 7, 8, 13, 14, 15, u 17 ta' dan l-Anness, dment li tali kundizzjonijiet alternattivi:

(a) jikkonċernaw sitwazzjonijiet speċjali relatati ma':

(i) bastimenti tal-qbid b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru;

(ii) kwantitajiet żgħar li jinħattu l-art, jintiżnu jew jiġu ttrasportati;

(iii) is-sejbiet ta' studji jew korpi xjentifiċi indipendenti li huma rikonoxxuti fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali;

(iv) il-piż bejn kaxxa u oħra tal-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art f'kaxxi standardizzati;

(v) l-istat tal-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd;

(vi) prodotti tas-sajd mhux soġġetti għal kwota jew sajd speċifiku għall-Istati Membri;

(vii) l-operaturi tal-użin awtorizzati; jew

(viii) l-użu ta' teknoloġija ġdida; u

(b) jiżguraw l-istess livell jew livell ogħla ta' akkuratezza fir-riżultati tal-użin u tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet.

ANNESS IV

Pjan ta' kampjunar għall-prodotti tas-sajd li jintiżnu abbord

Dan il-pjan ta' kampjunar jistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi għall-użin abbord ta' prodotti tas-sajd magħżula, f'konformità ma' deroga approvata skont l-Artikolu 60(3)(b) tal-istess Regolament.

A. **Regoli ġenerali**

1. Id-deroga għall-użin abbord skont l-Artikolu 60(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness u għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 8 ta' dan ir-Regolament, u għandha tapplika biss għall-bastimenti tal-qbid awtorizzati espressament għal dak l-iskop mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera.

2. L-operaturi tal-użin awtorizzati għandhom jaħżnu l-prodotti tas-sajd kollha li jintiżnu abbord f'kaxxi li jkun fihom speċi waħda bl-istess preżentazzjoni li toriġina mill-istess żona ġeografika rilevanti.

3. Il-kaxxi msemmija fil-punt 2 għandhom jiġu ttikkettati b'tali mod li jikkonfermaw li jkunu ntiżnu abbord għall-finijiet ta' dan l-Anness.

4. It-tikketti msemmija fil-punt 3 għandhom ikunu magħmula minn materjal durabbli, imwaħħlin b'mod sigur mal-kaxxa, u ma għandhomx jitneħħew, jitħassru, jinbidlu, ma jkunux jistgħu jinqraw, jiġu mgħottija jew moħbija matul l-immaniġġar, it-trasport u l-ispezzjoni rilevanti jew sakemm jitlesta l-ħatt l-art. Dawk it-tikketti għandhom jindikaw, bħala minimu:

   (a) l-isem tal-bastiment tal-qbid, meta jkun disponibbli;

   (b) in-numru CFR jew, jekk ma jkunx applikabbli, in-numru tal-OMI jew identifikatur uniku ieħor tal-bastiment tas-sajd li minnu toriġina l-kwantità miżuna;

   (c) il-kodiċi alfa-3 tal-FAO ta' kull speċi miżuna; u

   (d) il-kwantitajiet ta' kull speċi f'kilogrammi ta' prodott miżuna f'konformità mal-Artikolu 60(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, imqassma skont it-tip ta' preżentazzjoni, u ż-żona ġeografika rilevanti.

5. Il-kaptani tal-bastimenti tal-qbid tal-Unjoni awtorizzati biex jiżnu abbord għandhom jirreġistraw il-kwantitajiet kollha li jintiżnu abbord, sabiex jiżguraw li dawn ikunu jistgħu jiġu distinti b'mod ċar minn kwantitajiet irreġistrati oħrajn, fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd u jibagħtu dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) 1224/2009.

6. L-Istat Membru tal-ħatt l-art jista' jirrikjedi li kwalunkwe kwantità ta' prodotti tas-sajd miżuna abbord terġa' tintiżen mal-ħatt l-art u li r-riżultati jintużaw għall-finijiet tal-Artikolu 60(7) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

B. **Proċeduri**

7. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-ħatt l-art għandhom jiżguraw li mill-inqas 5 % tal-ħatt l-art kollu tal-qabdiet li jintiżnu abbord jiġu spezzjonati kull sena.

8. Waqt spezzjoni, l-akkuratezza tal-użin abbord għandha tiġi vverifikata billi jerġa' jintiżen kampjun ta' kaxxi fil-preżenza tal-uffiċjali. Id-daqs tal-kampjun li għandu jerġa' jintiżen għandu jiddependi fuq il-kwantitajiet totali ta' kaxxi li jintiżnu abbord f'konformità mal-matriċi msemmija fil-punt 12.

9. Ir-riżultati tal-użin mill-ġdid ta' kaxxi individwali għandhom jitqabblu mal-piż irreġistrat fuq it-tikketta ta' kull kaxxa inkluża fil-kampjun. Il-varjazzjoni massima permessa bejn il-piż indikat fuq it-tikketta u ċ-ċifra vverifikata mill-użin mill-ġdid għandha tkun ta' 5 % għal kwalunkwe kaxxa inkluża fil-kampjun jew, inkella, 5 % ikkalkolata bħala l-varjazzjoni medja fil-kaxxi kollha inklużi fil-kampjun.

10. Meta l-akkuratezza tal-użin abbord tiġi vverifikata f'konformità mal-punt 8, l-uffiċjali għandhom jiddeterminaw il-kwantitajiet ta' kull speċi, għal kull preżentazzjoni u għaż-żona ġeografika rilevanti, li jinħattu l-art abbażi taċ-ċifri totali rreġistrati fuq it-tikketti għall-kaxxi kollha tal-prodotti tas-sajd li jintiżnu abbord.

11. F'każijiet li fihom tinqabeż il-varjazzjoni permessa ta' 5 % speċifikata fil-punt 9, jew jekk jiġu identifikati diskrepanzi fl-informazzjoni msemmija fil-punt 6, il-qabda kollha għandha tintiżen fil-preżenza tal-uffiċjali f'konformità mal-Artikolu 60(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u r-riżultati jintużaw għall-finijiet tal-Artikolu 60(7) ta' dak ir-Regolament.

12. Il-kampjun tal-kaxxi msemmi fil-punt 8 għandu jkun ibbażat, bħala minimu, fuq il-matriċi li ġejja:

L-għadd totali ta' kaxxi	Daqs tal-kampjun [l-għadd ta' kaxxi li għandhom jintiżnu bħala kampjun]
10 jew inqas	Kollha
11 – 20	11
21 – 30	14
31 – 40	15
41 – 50	16
51 – 60	17
61 – 70	18
71 – 80	19
81 – 90	19
91 – 100	20
101 – 150	21
Kull 100 kaxxa addizzjonali	+ 2

13. B'deroga mill-punti 7 sa 12, matul l-ispezzjoni, meta l-prodotti tas-sajd jintiżnu abbord u jinħattu l-art f'kaxxi standardizzati, l-uffiċjali tal-Istat Membru tal-użin jistgħu japplikaw il-metodoloġija tal-kampjunar stabbilita fl-Anness II(B)(iii) biex jiddeterminaw il-piż tal-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art.

C. **Miżuri biex tiġi żgurata l-konformità**

14. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw b'mod effettiv il-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness, u għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jikkommettu ksur ta' dawn ir-regoli, u l-persuni ġuridiċi li jinżammu responsabbli għalih, ikunu soġġetti għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi u miżuri oħrajn ta' infurzar f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, inkluż, fejn xieraq, is-sospensjoni temporanja jew l-irtirar permanenti tal-awtorizzazzjoni għall-użin abbord.

D. **Kundizzjonijiet alternattivi**

15. L-Istati Membri jistgħu jitolbu kundizzjonijiet alternattivi għal dawk stabbiliti fil-punti 7, 9, 11, u 12 ta' dan l-Anness, dment li tali kundizzjonijiet alternattivi:

(a) jikkonċernaw sitwazzjonijiet speċjali relatati ma':

(i) bastimenti tal-qbid b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru;

(ii) kwantitajiet żgħar li jinħattu l-art, jintiżnu jew jiġu ttrasportati;

(iii) is-sejbiet ta' studji jew korpi xjentifiċi indipendenti li huma rikonoxxuti fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali;

(iv) il-piż bejn kaxxa u oħra tal-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art f'kaxxi standardizzati;

(v) l-istat tal-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd;

(vi) prodotti tas-sajd mhux soġġetti għal kwota jew sajd speċifiku għall-Istati Membri;

(vii) l-operaturi tal-użin awtorizzati; jew

(viii) l-użu ta' teknoloġija ġdida; u

(b) jiżguraw l-istess livell jew livell ogħla ta' akkuratezza fir-riżultati tal-użin u tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet.

ANNESS V

Pjan ta' kontroll għall-użin ta' prodotti tas-sajd friski wara t-trasport fit-territorju ta' stat membru fejn ikun seħħ il-ħatt l-art

Dan il-pjan ta' kontroll jistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi għall-użin ta' prodotti tas-sajd friski wara t-trasport fl-Istat Membru tal-ħatt l-art, f'konformità ma' deroga approvata skont l-Artikolu 60(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

A. **Regoli ġenerali**

1. Dan l-Anness għandu japplika biss għall-prodotti tas-sajd li jintiżnu wara t-trasport f'faċilitajiet tal-użin approvati u rreġistrati, f'konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fit-Taqsima E ta' dan l-Anness.

2. L-Istat Membru tal-ħatt l-art għandu jiżgura li l-unitajiet tat-trasport li jittrasportaw prodotti tas-sajd koperti mid-deroga fl-Artikolu 60(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 ikunu faċilment identifikabbli matul it-trasport, mill-post tat-tagħbija sal-post tad-destinazzjoni tal-kunsinna/i, fejn xieraq għal skopijiet ta' kontroll.

3. Id-deroga għall-użin skont l-Artikolu 60(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness u għal regoli oħrajn stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 8 ta' dan ir-Regolament.

4. Il-prodotti tas-sajd kollha ttrasportati f'unità tat-trasport għall-użin wara t-trasport għandhom jaslu kollha kemm huma f'destinazzjoni tal-użin waħda. B'deroga, fil-każ ta' aktar minn post wieħed ta' tagħbija ta' ħut li ma jkunx intiżen qabel jew aktar minn post wieħed ta' ħatt lejn faċilitajiet tal-użin approvati, għandu jinħareġ dokument tat-trasport separat, li jkun jinkludi l-informazzjoni elenkata fil-punt 9, għal kull post intermedjarju tat-tagħbija jew tal-ħatt qabel ma jsir it-trasport.

5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1766 ([1]), u sakemm ma jkunx previst mod ieħor skont ir-regoli tal-PKS, l-unitajiet tat-trasport għandhom jiġu ssiġillati mit-trasportatur bl-użu ta' tikketti mhux duplikabbli maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-ħatt l-art, jew f'isimhom, meta jiġu identifikati, abbażi tal-ġestjoni tar-riskju, filwaqt li jitqiesu mill-inqas l-elementi elenkati fl-Artikolu 8(3) ta' dan ir-Regolament, bħala li jippreżentaw riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli stabbiliti f'dan l-Anness.

6. Il-prodotti tas-sajd kollha ttrasportati lejn faċilità tal-użin awtorizzata skont dan l-Anness għandhom:

   (a) ikunu jistgħu jintgħarfu minn qabdiet li diġà jkunu ntiżnu u minn qabdiet ta' bastimenti oħrajn matul it-trasport mill-post tal-ħatt l-art sal-faċilità tal-użin. It-trasport ta' qabdiet minn aktar minn bastiment wieħed f'unità ta' trasport waħda huwa permess biss jekk tiġi żgurata separazzjoni ċara tal-qabda ta' kull bastiment; u

   (b) jaslu fil-faċilità tal-użin f'kundizzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet. Għal qabdiet mhux magħżula użati għal skopijiet industrijali, fejn parti mill-qabdiet tal-ispeċijiet ma tkunx tista' tiġi identifikata, din il-parti għandha tiġi attribwita fi proporzjon mal-kompożizzjoni tal-qabda għall-parti identifikabbli fil-qabdiet.

B. **Proċeduri**

7. Il-qabdiet kollha ta' prodotti tas-sajd koperti minn dan l-Anness għandhom jintiżnu fl-intier tagħhom wara t-trasport mal-wasla fil-faċilità tal-użin approvata u rreġistrata msemmija fil-punt 1.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1766 tas-27 ta' Awwissu 2025 li jissupplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 billi jistabbilixxi regoli dwar il-kontroll tas-sajd u dwar is-sorveljanza u l-ispezzjoni tal-attivitajiet tas-sajd, l-infurzar u l-konformità (ĠU L, 2025/1766, 12.11.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1766/oj).

8. B'deroga mill-punt 7, jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-kampjunar stabbiliti fl-Anness II(B)(i) u II(B)(iii) biex jiġu ddeterminati l-kompożizzjoni tal-qabda wara t-trasport ta' prodotti tas-sajd li jinħattu l-art mhux magħżula u l-piż ta' prodotti tas-sajd f'kaxxi standardizzati u f'kontenituri standardizzati.

C. **Dokumenti tat-trasport**

9. Minbarra d-data meħtieġa fl-Artikolu 68(4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 68(6) tal-istess Regolament, id-dokument tat-trasport għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru/i tas-siġill tat-trasport, fejn disponibbli;

(b) indikazzjoni li l-prodotti tas-sajd għandhom jintiżnu wara t-trasport skont l-Artikolu 60(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(c) id-data u l-ħin stmati tal-wasla fid-destinazzjoni msemmija fl-Artikolu 68(4)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009; u

(d) l-għadd ta' kaxxi jew kontenituri ttrasportati, għal kull unità ta' trasport, imqassma skont l-ispeċi, il-preżentazzjoni u ż-żona ġeografika rilevanti, fejn applikabbli.

D. **Miżuri biex tiġi żgurata l-konformità**

10. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw b'mod effettiv il-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness fl-istadji kollha tal-proċess tal-użin u jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jikkommettu ksur ta' dawn ir-regoli, u l-persuni ġuridiċi li jinżammu responsabbli għalih, ikunu soġġetti għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi u miżuri oħrajn ta' infurzar, f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

11. Il-proċeduri msemmija fit-Taqsima B għandhom jitwettqu f'mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-preżenza tal-uffiċjali;

(b) f'faċilitajiet tal-użin li huma kompletament jew parzjalment proprjetà pubblika jew operati pubblikament u li jkunu soġġetti għal mekkaniżmi ddedikati ta' kontroll, spezzjoni u trasparenza, sabiex jiġi eskluż kwalunkwe kunflitt ta' interess dirett jew indirett li jista' jaffettwa l-eżerċitar imparzjali tal-kompiti tagħhom;

(c) minn piżaturi terzi indipendenti li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet minimi stabbiliti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1474, soġġetti għal mekkaniżmi ddedikati ta' kontroll, spezzjoni u trasparenza;

(d) soġġetti għal miżuri ta' kontroll alternattivi mitluba skont il-punt 18, abbażi tal-ġestjoni tar-riskju u l-iżgurar tal-konformità mat-Taqsima B, bħall-użu ta' sistema ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod (REM) b'televiżjoni b'ċirkwit magħluq (CCTV) jew b'teknoloġija ekwivalenti. Dawk il-miżuri għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(2)(d) ta' dan ir-Regolament.

12. Meta jintużaw sistemi REM b'CCTVs, f'konformità mal-punt 11(d), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-użin għandhom:

(a) jirrieżaminaw l-installazzjoni tagħhom biex jiżguraw l-effettività ta' tali sistemi għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-użin, tal-kampjunar u tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet;

(b) ikollhom aċċess għar-reġistrazzjonijiet, fuq talba; u

(c) jirrieżaminaw għadd minimu tar-reġistrazzjonijiet tas-CCTV bħala parti mill-miżuri ta' kontroll u spezzjoni msemmija fl-Artikolu 8.

E. **Rekwiżiti Minimi għall-Faċilitajiet tal-Użin**

13. Il-faċilitajiet tal-użin għandhom:

(a) jiġu rreġistrati u approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-użin; u

(b) jkollhom il-kapaċità li jiddistingwu l-qabdiet minn kull bastiment, filwaqt li jiżguraw l-identifikazzjoni ċara tal-prodotti tas-sajd kollha qabel l-użin.

14. Il-faċilitajiet tal-użin li, abbażi tal-ġestjoni tar-riskju li tqis mill-inqas il-fatturi ta' riskju elenkati fl-Artikolu 8(3) ta' dan ir-Regolament, huma identifikati bħala li jippreżentaw riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għal spezzjoni fiżika mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat fi żmien 12-il xahar mill-approvazzjoni tagħhom, jew, meta l-identifikazzjoni sseħħ fi stadju aktar tard, fi żmien 12-il xahar mid-data ta' dik l-identifikazzjoni. Tali spezzjoni għandha mill-inqas tinkludi l-verifika ta':

    (a) l-għadd u l-mudelli tas-sistemi tal-użin li għandhom jintużaw fil-faċilità tal-użin, u l-post tal-installazzjoni tagħhom;

    (b) il-kapaċità massima tal-użin ta' kuljum fil-każ ta' sistemi ta' ċineg trasportaturi u użin f'lottijiet;

    (c) tpinġijiet tal-immaniġġar tal-qabdiet u tal-proċess tal-produzzjoni tal-prodotti tas-sajd mill-wasla fil-faċilità sal-ħżin tal-prodott finali, inklużi l-postijiet tas-sistemi tal-użin, iż-żoni tal-kampjunar u tal-għażla, iż-żona tal-ħżin u s-sistemi REM b'CCTVs, fejn rilevanti;

    (d) fejn jintużaw sistemi tal-użin kontinwi, kopja tal-iskematika teknika tal-wajers u l-konnessjonijiet possibbli;

    (e) il-punt ta' kuntatt għall-operatur jew ir-rappreżentant tiegħu waqt l-operazzjonijiet tal-użin; u

    (f) kif se jiġi żgurat l-aċċess għall-faċilità tal-użin, għas-sistemi tal-użin, għall-informazzjoni dwar l-użin, għar-rekords, u, fejn rilevanti, għas-sistemi REM b'CCTVs.

15. L-operaturi tal-użin awtorizzati għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe bidla fis-sistemi tal-użin u fil-faċilitajiet tal-użin approvati qabel l-użu tagħhom. Is-sistemi tal-użin u l-faċilitajiet tal-użin ma għandhomx jintużaw mingħajr awtorizzazzjoni espliċita mill-awtoritajiet kompetenti.

16. Sakemm ma jkunx stabbilit perjodu iqsar mill-Istat Membru, l-approvazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti għandha tkun tad-durata limitata ta' mhux aktar minn 5 snin konsekuttivi.

17. L-awtorità kompetenti msemmija fil-punt 16 għandu jkollha d-dritt li tirrevoka l-approvazzjoni tal-faċilità tal-użin jekk il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq ma jiġux issodisfati, jew jekk ikun hemm evidenza ta' attivitajiet ta' użin u reġistrazzjoni tal-qabdiet mhux sodisfaċenti.

F. **Kundizzjonijiet alternattivi**

18. L-Istati Membri jistgħu jitolbu kundizzjonijiet alternattivi għal dawk stabbiliti fil-punti 4, 6, 7, 8, 11, 13, u 14 ta' dan l-Anness, dment li tali kundizzjonijiet alternattivi:

    (a) jikkonċernaw sitwazzjonijiet speċjali relatati ma':

        (i) bastimenti tal-qbid b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru;

        (ii) kwantitajiet żgħar li jinħattu l-art, jintiżnu jew jiġu ttrasportati;

        (iii) is-sejbiet ta' studji jew korpi xjentifiċi indipendenti li huma rikonoxxuti fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali;

        (iv) il-piż bejn kaxxa u oħra tal-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art f'kaxxi standardizzati;

        (v) l-istat tal-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd;

        (vi) prodotti tas-sajd mhux soġġetti għal kwota jew sajd speċifiku għall-Istati Membri;

        (vii) l-operaturi tal-użin awtorizzati; jew

        (viii) l-użu ta' teknoloġija ġdida; u

    (b) jiżguraw l-istess livell jew livell ogħla ta' akkuratezza fir-riżultati tal-użin u tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet.

ANNESS VI

Programm ta' kontroll komuni għall-użin ta' prodotti tas-sajd friski wara t-trasport mill-Istat Membru tal-ħatt l-art lejn destinazzjoni fit-territorju ta' stat membru ieħor

Dan il-programm ta' kontroll komuni jistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi għall-użin ta' prodotti tas-sajd friski wara t-trasport mill-Istat Membru tal-ħatt l-art lejn destinazzjoni fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, f'konformità ma' deroga approvata skont l-Artikolu 60(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

A. **Regoli ġenerali**

1. Dan l-Anness għandu japplika biss għal prodotti tas-sajd li:

   (a) jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru li jkun parti għall-programm ta' kontroll komuni u li jkun awtorizzat espressament minn dak l-Istat Membru biex jiżen il-qabdiet f'konformità ma' dak il-programm ta' kontroll komuni;

   (b) jinħattu l-art f'portijiet identifikati mill-Istat Membru tal-ħatt l-art għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' programm ta' kontroll komuni; u

   (c) jintiżnu wara t-trasport f'faċilitajiet tal-użin approvati u rreġistrati, f'konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fit-Taqsima F ta' dan l-Anness.

2. It-trasport ta' prodotti tas-sajd mill-punt(i) tal-ħatt l-art sad-destinazzjoni tal-użin għandu jiġi mmonitorjat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati. Dawk l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw regoli għar-reġistrazzjoni tat-trasportaturi awtorizzati biex jittrasportaw prodotti tas-sajd koperti mid-deroga fl-Artikolu 60(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, kif ukoll għall-identifikazzjoni unika tal-unitajiet tat-trasport rilevanti.

3. Id-deroga għall-użin skont l-Artikolu 60(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness u regoli oħrajn stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 8 ta' dan ir-Regolament.

4. Il-prodotti tas-sajd kollha ttrasportati wara l-ħatt l-art għall-użin fi Stat Membru ieħor għandhom jaslu fil-post tal-użin u jintiżnu kompletament, għal kull speċi u preżentazzjoni, mal-wasla tagħhom. Madankollu, għal prodotti tas-sajd mhux magħżula li jintiżnu wara t-trasport, jistgħu japplikaw dispożizzjonijiet ta' kampjunar ekwivalenti għal dawk speċifikati fl-Anness II(B)(i) biex tiġi ddeterminata l-kompożizzjoni tal-qabda, li għandha tiġi estrapolata, skont ir-riżultati tal-użin aggregat, biex jiġu stabbiliti l-kwantitajiet ta' kull speċi.

5. Il-prodotti tas-sajd kollha li jintiżnu taħt programm ta' kontroll komuni għandhom jiġu ttrasportati minn punt uniku ta' tagħbija lejn destinazzjoni waħda.

6. Il-prodotti tas-sajd kollha għandhom jidħlu fil-faċilità tal-użin riċeventi permezz ta' punt ta' aċċess dežinjat.

7. L-unitajiet tat-trasport kollha għandhom jiġu ssiġillati mit-trasportatur bl-użu ta' siġilli mhux duplikabbli. Is-siġilli għandhom jitqiegħdu mit-trasportatur għall-ħatt l-art mhux spezzjonat jew, jekk ikun meħtieġ, minn uffiċjal waqt il-ħatt l-art spezzjonat. Is-siġilli għandhom jintużaw għat-trasport kollu biex tiġi żgurata l-integrità tal-prodotti tas-sajd ittrasportati. Is-siġilli, li jkollhom numri uniċi, għandhom jiġu pprovduti mill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru, jew f'isem l-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mal-proċeduri miftiehma bejn l-Istati Membri involuti fil-programm ta' kontroll komuni.

8. Il-prodotti tas-sajd kollha ttrasportati lejn faċilità tal-użin awtorizzata skont dan l-Anness għandhom:

   (a) ikunu jistgħu jintgħarfu minn qabdiet li diġà jkunu ntiżnu u minn qabdiet ta' bastimenti oħrajn matul it-trasport mill-post tal-ħatt l-art sal-faċilità tal-użin. It-trasport ta' qabdiet minn aktar minn bastiment wieħed f'unità ta' trasport waħda huwa permess biss jekk tiġi żgurata separazzjoni ċara tal-qabda ta' kull bastiment; u

(b) jaslu fil-faċilità tal-użin f'kundizzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet. Għal qabdiet mhux magħżula użati għal skopijiet industrijali, fejn parti mill-qabdiet tal-ispeċijiet ma tkunx tista' tiġi identifikata, din il-parti għandha tiġi attribwita fi proporzjon mal-kompożizzjoni tal-qabda għall-parti identifikabbli fil-qabdiet.

Dokument tat-trasport

9. Minbarra d-data meħtieġa fl-Artikolu 68(4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 68(6) tal-istess Regolament, id-dokument tat-trasport għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru tas-siġill tat-trasport;

(b) id-data u l-ħin stmati tal-wasla fid-destinazzjoni msemmija fl-Artikolu 68(4)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009; u

(c) indikazzjoni li l-prodotti tas-sajd għandhom jintiżnu wara t-trasport skont l-Artikolu 60(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

B. **Proċeduri**

10. Ir-rekord tal-użin għandu jservi bħala konferma li jkun seħħ l-użin. L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-użin għandha tibgħat ir-rekord tal-użin lill-Istat Membru tal-ħatt l-art, u lill-Istat Membru tal-bandiera, jekk ikun differenti.

11. L-Istati Membri li huma partijiet għall-programm ta' kontroll komuni għandu jkollhom stabbiliti u jimplimentaw regoli għall-kontroverifika tan-notifiki preċedenti kollha, tad-dokumenti tat-trasport, tad-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, tar-rekords tal-użin, tan-noti tal-bejgħ, u tad-dikjarazzjonijiet tal-akkwist sottomessi u skambjati skont dan l-Anness biex jiġu identifikati l-iżbalji, l-inkonsistenzi u l-informazzjoni nieqsa fid-data.

C. **Miżuri biex tiġi żgurata l-konformità**

12. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw b'mod effettiv il-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness fl-istadji kollha, inklużi l-użin, ir-reġistrazzjoni u t-trasport ta' prodotti tas-sajd, u jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jikkommettu ksur ta' dawn ir-regoli, u l-persuni ġuridiċi li jinżammu responsabbli għalih, ikunu soġġetti għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi u miżuri oħrajn ta' infurzar, f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

13. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri għall-kooperazzjoni reċiproka li għandhom jitwettqu fuq bażi annwali, biex jimmonitorjaw l-applikazzjoni ta' programmi ta' kontroll komuni u biex jiżguraw il-konsistenza tal-implimentazzjoni u l-użin u r-reġistrazzjoni akkurati tal-prodotti tas-sajd.

14. It-trasportaturi għandu jkollhom stabbiliti sistemi biex jiżguraw li l-unitajiet tat-trasport ikunu jistgħu jinstabu mill-post tal-ħatt l-art sad-destinazzjoni tal-prodotti tas-sajd u jipprovdu dettalji tal-postijiet tal-unitajiet tat-trasport lill-uffiċjali fuq talba.

15. L-attivitajiet imsemmija fil-punt 4 għandhom jitwettqu f'mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-preżenza tal-uffiċjali;

(b) f'faċilitajiet tal-użin li huma kompletament jew parzjalment proprjetà pubblika jew operati pubblikament u li jkunu soġġetti għal mekkaniżmi ddedikati ta' kontroll, spezzjoni u trasparenza, sabiex jiġi eskluż kwalunkwe kunflitt ta' interess dirett jew indirett li jista' jaffettwa l-eżerċitar imparzjali tal-kompiti tagħhom;

(c) minn piżaturi terzi indipendenti li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet minimi stabbiliti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1474, soġġetti għal mekkaniżmi ddedikati ta' kontroll, spezzjoni u trasparenza;

(d) soġġetti għal miżuri ta' kontroll alternattivi mitluba skont il-punt 23, abbażi tal-ġestjoni tar-riskju u l-iżgurar tal-konformità mat-Taqsima B, bħall-użu ta' sistema ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod (REM) b'televiżjoni b'ċirkwit magħluq (CCTV) jew b'teknoloġija ekwivalenti. Dawk il-miżuri għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(2)(d).

16. Meta jintużaw sistemi REM b'CCTVs, f'konformità mal-punt 15(d), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-użin għandhom:

(a) jirrieżaminaw l-installazzjoni tagħhom biex jiżguraw l-effettività ta' tali sistemi għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-użin, tal-kampjunar u tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet;

(b) ikollhom aċċess għar-reġistrazzjonijiet, fuq talba; u

(c) jirrieżaminaw għadd minimu tar-reġistrazzjonijiet tas-CCTV bħala parti mill-miżuri ta' kontroll u spezzjoni msemmija fl-Artikolu 8.

D. **Kondiviżjoni tal-informazzjoni**

17. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli u proċeduri biex jiżguraw il-kondiviżjoni elettronika tal-informazzjoni neċessarja għall-implimentazzjoni effettiva ta' dan l-Anness, inklużi:

(a) il-lista ta' bastimenti li jużaw il-programm ta' kontroll komuni;

(b) il-portijiet identifikati mill-Istat Membru tal-ħatt l-art għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-programm ta' kontroll komuni;

(c) il-kwantità ta' prodotti tas-sajd, għal kull speċi, preżentazzjoni u żona ġeografika rilevanti, ittrasportati u miżuna mill-port tal-ħatt l-art sad-destinazzjoni finali;

(d) il-faċilitajiet tal-użin approvati u rreġistrati fejn jintiżnu l-prodotti tas-sajd ittrasportati;

(e) id-dettalji ta' kwalunkwe ksur suspettat identifikat fil-faċilitajiet tal-użin approvati u rreġistrati;

(f) id-dettalji ta' kwalunkwe ksur suspettat imwettaq minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika skont dan l-Anness, inklużi l-kaptani, l-operaturi tal-użin awtorizzati, u t-trasportaturi; u

(g) d-dettalji ta' ksur suspettat li jinvolvi t-trasport ta' prodotti tas-sajd taħt il-programm ta' kontroll komuni.

E. **Rekwiżiti Minimi għall-Faċilitajiet tal-Użin**

18. Il-faċilitajiet tal-użin għandhom:

(a) jiġu rreġistrati u approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-użin, f'konformità mad-dritt nazzjonali; u

(b) jkollhom il-kapaċità li jiddistingwu l-qabdiet minn kull bastiment, filwaqt li jiżguraw l-identifikazzjoni ċara tal-prodotti tas-sajd kollha qabel l-użin.

19. Il-faċilitajiet tal-użin li, abbażi tal-ġestjoni tar-riskju li tqis mill-inqas il-fatturi ta' riskju elenkati fl-Artikolu 8(3) ta' dan ir-Regolament, huma identifikati bħala li jippreżentaw riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għal spezzjoni fiżika mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat fi żmien 12-il xahar mill-approvazzjoni tagħhom, jew, meta l-identifikazzjoni sseħħ fi stadju aktar tard, fi żmien 12-il xahar mid-data ta' dik l-identifikazzjoni. Tali spezzjoni għandha mill-inqas tinkludi l-verifika ta':

(a) l-għadd u l-mudelli tas-sistemi tal-użin li għandhom jintużaw fil-faċilità tal-użin, u l-post tal-installazzjoni tagħhom;

(b) il-kapaċità massima tal-użin ta' kuljum fil-każ ta' sistemi ta' ċineg trasportaturi u użin f'lottijiet;

(c) it-tpinġijiet tal-immaniġġar tal-qabdiet u tal-proċess tal-produzzjoni tal-prodotti tas-sajd mill-wasla fil-faċilità sal-ħżin tal-prodott finali, inklużi l-postijiet tas-sistemi tal-użin, iż-żoni tal-kampjunar u tal-għażla, iż-żona tal-ħżin u s-sistemi REM b'CCTVs, fejn rilevanti;

(d) fejn jintużaw sistemi tal-użin kontinwi, kopja tal-iskematika teknika tal-wajers u l-konnessjonijiet possibbli;

(e) il-punt ta' kuntatt għall-operatur jew ir-rappreżentant tiegħu waqt l-operazzjonijiet tal-użin; u kif se jiġi żgurat l-aċċess għall-faċilità tal-użin, għas-sistemi tal-użin, għall-informazzjoni dwar l-użin, għar-rekords, u, fejn rilevanti, għas-sistemi REM b'CCTVs.

20. L-operaturi tal-użin awtorizzati għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe bidla fis-sistemi tal-użin u fil-faċilitajiet tal-użin approvati qabel l-użu tagħhom. Is-sistemi tal-użin u l-faċilitajiet tal-użin ma għandhomx jintużaw mingħajr awtorizzazzjoni espliċita mill-awtoritajiet kompetenti.

21. Sakemm ma jkunx stabbilit perjodu iqsar mill-Istat Membru, l-approvazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti għandha tkun tad-durata limitata ta' mhux aktar minn 5 snin konsekuttivi.

22. L-awtorità kompetenti msemmija fil-punt 21 għandu jkollha d-dritt li tirrevoka l-approvazzjoni tal-faċilità tal-użin jekk il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq ma jiġux issodisfati, jew jekk ikun hemm evidenza ta' attivitajiet ta' użin u reġistrazzjoni tal-qabdiet mhux sodisfaċenti.

F. **Kundizzjonijiet alternattivi**

23. L-Istati Membri jistgħu jitolbu kundizzjonijiet alternattivi għal dawk stabbiliti fil-punti 15, 18, u 19 ta' dan l-Anness, dment li tali kundizzjonijiet alternattivi:

(a) jikkonċernaw sitwazzjonijiet speċjali relatati ma':

(i) bastimenti tal-qbid b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru;

(ii) kwantitajiet żgħar li jinħattu l-art, jintiżnu jew jiġu ttrasportati;

(iii) is-sejbiet ta' studji jew korpi xjentifiċi indipendenti li huma rikonoxxuti fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali;

(iv) il-piż bejn kaxxa u oħra tal-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art f'kaxxi standardizzati;

(v) l-istat tal-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd;

(vi) prodotti tas-sajd mhux soġġetti għal kwota jew sajd speċifiku għall-Istati Membri;

(vii) l-operaturi tal-użin awtorizzati; jew

(viii) l-użu ta' teknoloġija ġdida; u

(b) jiżguraw l-istess livell jew livell ogħla ta' akkuratezza fir-riżultati tal-użin u tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet.